Vol 33
Nru 177
Lulju - Settembru 2012

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2012

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Palazz ta' isfel tar-Re Erodi*

# Werrej



15



19



23

31




*6* **Fortizzi Erodjani fid-Deżert: Masada**

*15* **Ir-Rabta bejn l-Antik u l-Ġdid Testment fil-Bibbja**

*19* **Kristu l-Qassis il-Kbir Ħanin u Den ta' Fidi (Lhud 3,1-3;14)**

*23* **Il-Fidi fl-Iskrittura**

*31* **Il-Lhud fl-Evanġelju skont San Mattew (3)**

*39* **Kif għandna naqraw il-Figura ta' Marija fl-Iskrittura**




39

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## L-Art Imqaddsa fis-Sirja

F'dawn l-aħħar xhur qed insegwu b'qalbna ttaqtaq il-ġrajjiet imdemmin ta' gwerra ċivili fis-Sirja. Ir-reġim militari tal-President Bashar al-Assad jinsab taħt pressjoni mill-maġġoranza taċ-ċittadini Musulmani Sunniti biex itemm il-ħakma dittatorjali tiegħu fuq il-pajjiż. Bashar al-Assad ħa f'idejh it-tmexxija minn missieru Hafez al-Assad, li kien il-President tas-Sirja mill-1970 sal-mewt tiegħu fis-sena 2000. Il-familja tal-President ġejja mill-grupp Islamiku tal-Alawiti, li huma minoranza fis-Sirja. Assad hu appoġġjat mill-Partit Għarbi Soċjalista Ba'ath.

Is-Sirja kienet tidher bħala pajjiż stabbli bħall-Eġittu u l-Ġordanja, sa ma hemm ukoll inħassu l-effetti tar-rebbiegħa Għarbija tal-2011. Il-pressjoni fuq Bashar al-Assad kibret hekk li l-pajjiż iddeġenera fi gwerra ċivili li qed tħalli ħafna vittmi. Barra mill-minoranza Alawita, li hi assoċjata mal-Partit fil-Gvern, hemm ukoll il-minoranza Kristjana, li taħt ir-reġim ta' Bashar al-Assad kienet tgawdi minn libertà u protezzjoni. X'se jiġri issa jħasseb lil ħafna.

Is-sitwazzjoni politika hi mħabbla sew. Is-Sirja tinsab fi stat ta' gwerra kontra Israel, li okkupalha l-Għoljiet tal-Golan fl-1967. Hi appoġġjata mill-Iran u għal diversi snin kellha preżenza militari fil-Libanu, fejn il-Partit Xi'ita tal-Ħizbollah hu wkoll fi gwerra kontra Israel. Iżda għalkemm l-Istati Uniti u l-Ewropa jikkundannaw ir-reġim repressiv ta' Bashar al-Assad u jgħinu lill-

*...editorjal*

*L-Art Imqaddsa fis-Sirja*



maġġoranza Sunnita li trid tieħu f'idejha t-tmexxija tal-pajjiż, ħadd ma jaf min verament qiegħed jorganizza l-oppożizzjoni, b'differenza mill-Eġittu fejn il-Partit tal-Aħwa Musulmani kellu appoġġ kbir kontra l-ex-President Ħosni Mubarak. Min-naħa tiegħu Israel baqa' pjuttost newtrali f'din il-kwistjoni. Jidher li Israel hu mbeżża' li tibdil drastiku fis-Sirja jfisser instabilità fuq il-fruntieri tiegħu mas-Sirja. Għalkemm jinsab fi stat ta' gwerra mas-Sirja, jidher li Israel jippreferi *status quo*, fejn kollox jibqa' stabbli kif ilu għal dan l-aħħar nofs seklu. F'kelma oħra Israel jippreferi l-għadu li jaf milli dak li ma jafx min se jkun.

F'dan it-taħwid kollu l-komunità Kristjana fis-Sirja hi wkoll involuta. L-Insara fis-Sirja huma minoranza, imma sa issa kienu jgawdu minn libertà ta' kult. Huma jibżgħu li jekk jieħdu l-gvern f'idejhom is-Sunniti huma jiġu ddiskriminati. Is-Sirja hi parti mill-Art Imqaddsa. Fiha hemm santwarji għeżież marbutin ma' ġrajjiet bibliċi. Fil-fatt, barra mill-Knejjes Orjentali (l-aktar dik tas-Sirjani Ortodossi) hemm preżenza ta' Kristjani Kattoliċi Latini, rappreżentati mill-parroċċi mmexxija mill-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u mill-Vigarju Apostoliku Monsinjur Giuseppe Nazzaro ofm, li kien ukoll Kustodju tal-Art Imqaddsa.

Fis-Sirja l-Kustodja tal-Art Imqaddsa tmexxi diversi parroċċi u santwarji. Fost is-santwarji nsemmu l-Memorjal tal-Konverżjoni ta' San Pawl f'Tabbaleh, Damasku, u s-Santwarju tad-Dar ta' Sant'Ananija, ukoll f'Damasku. Fl-istess belt kapitali Damasku l-Kustodja tmexxi żewġ parroċċi, il-parroċċa ta' San Pawl f'Bab Touma, u l-parroċċa ta' Sant'Antnin f'Salhieh. Il-preżenza Kristjana hi aktar konċentrata fit-tramuntana tal-pajjiż, fejn il-Kustodja tmexxi l-parroċċa ta' San Franġisk f'Azizieh, fil-belt ta' Aleppo. Fl-istess belt il-Kustodja għandha l-Kulleġġ ta' Sant'Antnin ta' Padova, li kien darba skola tal-Kustodja, qabel ma ttieħed mill-gvern ta' Hafez al-Assad. L-iskola hi magħluqa imma l-patrijiet għadhom jgħixu fil-kunvent f'dan il-post. F'Aleppo wkoll il-Franġiskani jmexxu ċ-ċentru pastorali ta' San Bonaventura, f'Er-Ram, fejn ftit tax-xhur ilu splodiet bomba fiż-żona militari fil-qrib li għamlet ħafna danni lil dan iċ-ċentru.

L-aktar parti perikoluża għall-Insara tinsab proprju fl-irħula tal-wied tax-Xmara Oronte, lejn il-punent ta' Aleppo, fejn hemm irħula li huma Insara, imma mdawrin minn irħula Musulmani Sunniti. Il-Kustodja tmexxi f'din iż-żona l-parroċċa u ċ-ċentru agrikolu ta' Sant'Antnin f'Ghassanieh, il-parroċċa ta' San Ġużepp fi Knayeh, il-parroċċa tal-Madonna ta' Fatima f'Yacoubieh, u ċ-ċentru pastorali tal-Qalb ta' Ġesù f'Jisr el-Choughour. Dawn huma komunitajiet Kattoliċi żgħar, imma li minnhom ħarġu ħafna vokazzjonijiet. Il-preżenza tagħhom qrib irħula Alawiti u bi preżenza Musulmana Sunnita madwarhom tagħmilhom dejjem żoni perikolużi. Ħafna nsara spiċċaw jorqdu fil-kunventi tal-Franġiskani biex ifittxu kenn matul il-lejl. Fil-muntanji l-Kustodja għandha wkoll dar tas-sajf għal gruppi vokazzjonali f'post jismu Slenfe, f'żona tassew sabiħa, kollha boskijiet. Imma issa dan iċ-ċentru ma jistax jintlaħaq minħabba l-gwerra.

L-aħħar parroċċa li tmexxi l-Kustodja hi dik tal-Qalb ta' Ġesù fil-port ta' Lattakiah. Hawnhekk ukoll l-Insara jinsabu mheddin, għax mhux l-ewwel darba li saru attakki fuq il-port mill-baħar.

Il-Patri Kustodju tal-Art Imqaddsa żar dawn il-komunitajiet xi ftit xhur ilu, imma issa hu kważi impossibbli li jersaq fis-Sirja.

Il-kuntatt mal-Kustodja qed isir permezz tal-patrijiet li hemm jaħdmu fil-Libanu u fil-Ġordanja, li magħhom il-fruntieri tas-Sirja għadhom miftuħin.

Ta' min jgħid li l-preżenza Franġiskana fis-Sirja hi antika, u tasal sal-ewwel żminijiet tal-Kustodja. Kienu bosta l-patrijiet Maltin li fl-imgħoddi għexu fis-Sirja. Il-ħidma tal-Franġiskani tferrxet ukoll fil-kamp tal-arkeoloġija biblika u tal-fdalijiet tal-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu, l-aktar fit-tramuntana tal-pajjiż fejn il-preżenza Kristjana kienet qawwija, bil-belt Patrijarkali ta' Antjokja (illum fit-Turkija) hekk fil-qrib.

Ħadd ma jaf kif se tispiċċa l-kriżi fis-Sirja. Ir-reġim ta' Bashar al-Assad hu qawwi u l-oppożizzjoni disorganizzata. Imma t-tixrid tad-demm u l-massakri ta' nies innoċenti qed iġiegħlu lil ħafna jaħarbu. Hemm il-periklu li l-Insara wkoll jaħarbu lejn il-Libanu jew it-Turkija, u li jiġri kif ġara fl-Iraq fejn il-popolazzjoni Kristjana naqset sew. Din tkun ħasra għax is-Sirja hi art fertili għar-reliġjon Kristjana, fejn l-Evanġelju ġie mxandar sa mill-bidu nett minn Pawlu ta' Tarsu li ġie kkonvertit fit-triq lejn Damasku, fejn il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa jħarsu l-egħżeż Santwarju li għandhom fis-Sirja.



# FORTIZZI ERODJANI FID-DEŻERT: MASADA

*Noel Muscat ofm*

Fiż-żona tan-nofsinhar tal-Baħar il-Mejjet hemm il-fortizza ta' Masada, fortizza fuq muntanja fid-deżert. Din hi waħda mill-aktar fortizzi tad-deżert imponenti ta' Erodi, li tħares direttament fuq il-Baħar il-Mejjet. Fuq ix-xaqliba tal-lvant tagħha din l-għolja għandha rdum wieqaf ta' 450m fuq il-Ħondoq tal-Baħar il-Mejjet, filwaqt li fuq il-punent tinsab 100m

fuq il-kumplament tad-deżert ta' madwarha. Il-viżitaturi jitilgħu fuq din il-fortizza bil-funikular, jew inkella bil-mixi fuq mogħdija, magħrufa bħala l-mogħdija tas-serp.

Id-dokumentazzjoni rigward Masada tiġina mill-istoriku Lhudi, Josephus Flavius, fl-opra tiegħu *De bello Judaico* (Il-Gwerra tal-Lhud). Skont Josephus, Erodi l-Kbir bena din il-fortizza fis-snin 37-31 QK, bl-intenzjoni li jagħmel minnha residenza tas-sajf u post ta' kenn għalih innifsu fi żmien ta' gwerra. Fuq il-faċċata tat-tramuntana tal-muntanja, Erodi bena palazz mill-isbaħ fuq tliet livelli. Matul l-Ewwel Rewwixta tal-Lhud kontra r-Rumani fis-sena 66 WK, grupp ta' ribelli Lhud ħarbu u ġew isibu kenn fuq din l-għolja ta' Masada, li kienet tassew imperrċa hekk fl-għoli li kien impossibbli li tintrebaħ. Huma baqgħu hemm speċjalment wara l-qerda tat-Tempju fis-sena 70 WK. Ħafna minn dawn ir-ribelli kienu Zeloti li kienu ġew flimkien mal-familji tagħhom u ssakkru fil-fortizza għal sentejn sħaħ. Fis-sena 70 WK il-Gvernatur Ruman Flavius Silva ddeċieda li jattakka Masada permezz tal-*Legio Decima Fretensis*. Hu waqqaf il-kamp militari fil-bażi tal-muntanja u assedja l-fortizza għal ħafna xhur. Is-suldati u l-priġunieri tal-gwerra bnew rampa enormi b'eluf ta' tunnellati ta' ħamrija u ġebel fuq ix-xaqliba tal-punent tal-muntanja. Fir-rebbiegħa tas-sena 74 WK huma rnexxielhom jitilgħu u jixxabbtu mal-ħitan, u b'arma enormi tal-ħadid bil-ponta faqgħu l-ħajt tad-difiża tal-fortizza. Meta daħlu sabu tilqagħhom dehra tal-biki. L-assedjati, li kienu mmexxija minn Eleazar ben Yair, kienu ddeċidew li jaħarqu l-fortizza u jikkommettu suwiċidju tal-massa biex ma jinħaftux priġunieri ħajjin mir-Rumani. Id-960 abitanti tal-fortizza kienu kollha mejtin, ħlief għal żewġ nisa li kienu nħbew u li rrakkontaw il-ġrajja lir-Rumani.

Għall-poplu Lhudi l-fortizza ta' Masada baqgħet simbolu ta' kobor nazzjonali u eroiżmu. Is-sit baqa' minsi u abbandunat sakemm ġie skopert fl-1842. L-iskavi saru minn Yigail Yadin fl-1963-65 u kixfu l-fortizza u l-bini kollu tagħha.

Il-fortizza ta' Masada għandha forma ta' maqrut u tokkupa l-quċċata tal-għolja li hi altipjan (600m x 300m). Kienet imdawra minn swar ħoxnin u torrijiet ta' difiża mad-dawra kollha, telgħin dritt mix-xifer tar-rdum. Il-ħażna tal-ilma kienet garantita minn ċisterni enormi mħaffrin fis-sezzjoni tal-majjistral tal-muntanja, li kienu jiġbru fihom l-ilma tax-xita u jipprovdu sigurtà wkoll fi żmien ta' assedji twal. Il-parti tat-tramuntana tal-fortizza kienet l-aktar parti abitata, u fiha kien hemm palazz amministrattiv, mħażen, banjijiet pubbliċi, u diversi abitazzjonijiet li mbagħad ġew okkupati miż-Żeloti.

L-attrazzjoni ewlenija tal-muntanja hi l-palazz ta' Erodi mibni fuq tliet livelli qishom tliet terrazzi wieħed fuq l-ieħor. Il-palazz kien mibni fuq il-punta tat-tramuntana tal-muntanja,


Rikostruzzjoni tal-Palazz ta' Erodi

fejn hemm irdum li minnu wieħed għandu veduta mill-isbaħ tal-Baħar il-Mejjet u tal-Ħondoq. Fuq il-livell superjuri kien hemm il-kwartieri residenzjali tal-palazz b'gallerija ċirkulari madwar. Instabu ħafna fdalijiet ta' mużajċi fil-palazz. Il-livelli inferjuri kienu jservu għal skopijiet ta' divertiment u mistrieħ. Il-livell ċentrali kellu kolonni madwar bitħa. Il-livell ta' taħtnett kien kwadru u kellu wkoll bitħa ċentrali mdawra bil-portiċi.

Hemm palazz ieħor fuq ix-xaqliba tal-punent tal-muntanja. Dan hu l-akbar binja li hemm f'Masada. Kien jinsab maġenb il-bieb tal-punent li kien iservi bħala d-daħla ewlenija tal-fortizza. Il-palazz kien iservi bħala l-bini amministrattiv ewlieni, kif ukoll bħala l-palazz ċerimonjali tas-sultan.

Fuq l-istess sezzjoni tal-muntanja, l-arkeoloġi sabu l-fdalijiet ta' sinagoga żgħira li kienet tħares lejn il-majjistral fid-direzzjoni ta' Ġerusalemm. Is-sinagoga kienet użata miż-Żeloti matul ir-rewwixta u hi waħda mill-eqdem sinagogi li nstabu u li jeħduna lura għal qabel il-qerda tat-Tempju fis-sena 70 WK. Il-fdalijiet ta' iskrizzjoni li tindika l-isem ta' qassis instabu fis-sinagoga, kif ukoll fdalijiet ta' rotoli mid-Dewteronomju u r-rakkont tal-viżjoni tal-għadam niexef ta' Eżekjel 37.

Fiċ-ċentru tal-fortizza fuq il-muntanja hemm il-fdalijiet ta' Knisja Biżantina li jindikaw li wara li l-fortizza ġiet meqruda u abbandunata għal xi żmien serviet biex fiha jgħixu monaċi f'epoka Biżantina.

Sal-lum il-ġurnata Masada hi simbolu tad-determinazzjoni tal-poplu Lhudi li jkun poplu ħieles minn kull ħakma barranija fl-art li jqisha tiegħu bi dritt, u l-viżitaturi f'dan is-sit joħorġu b'għarfien approfondit ta' din id-determinazzjoni iebsa ta' nazzjonaliżmu.

## Ir-rakkont tal-waqgħa ta' Masada

Ir-rakkont tat-tmiem traġiku ta' Masada jagħtihulna l-istoriku Lhudi Josephus Flavius, fl-opra tiegħu *De Bello Judaico* (*Il-Gwerra tal-Lhud*), Ktieb 7, Kapitli 8 u 9, li minnhom hawnhekk sejrin inġibu siltiet.

"Meta Bassus miet fil-Lhudija, Flavius Silva daħal floku bħala prokuratur hemmhekk. Hu ra li l-pajjiż kollu kien intrebaħ fil-gwerra, u li kien fadal biss fortizza waħda li kienet għadha f'idejn ir-ribelli. Għalhekk hu ġabar l-armata tiegħu li kienet tinsab f'postijiet differenti, u mar għamel spedizzjoni kontriha.

Din il-fortizza kienet tissejjaħ Masada. Kienet inħatfet minn ċertu Eleazar, raġel ta' ħila, u kmandant tas-Sikari, li kienu ħadu l-fortizza taħt idejhom. Kien imnissel minn Ġuda li kien ikkonvinċa lil-Lhud biex ma jċedux għat-taxxi meta kien ġie fil-Lhudija Cyrenius. Kien dak iż-żmien li fih is-Sikari nġabru flimkien kontra dawk li riedu joqogħdu għar-Rumani, u kienu jqisuhom bħala għedewwa tagħhom f'kull sens, talli huma kienu biegħu l-ħelsien li l-Lhud kienu jqisuh bħala li jrid jinkiseb akkost ta' kollox. Dawn kienu jqisu li kienu jippreferu l-jasar taħt ir-Rumani…

Mela ġara li ġie dan il-ġeneral Ruman u mexxa l-armata tiegħu kontra Eleazar u dawk is-Sikari li kienu qed iżommu l-fortizza ta' Masada flimkien miegħu. Hu bena ħajt madwar il-fortizza kollha, hekk li l-ebda wieħed minn dawk li kienu assedjati ma seta' jaħrab. Hu bagħat diversi mill-irġiel tiegħu biex jgħassu madwar. Waqqaf il-kamp tiegħu f'post li kien jaqbel li minnu jassedja l-fortizza fil-punt li fih l-irdum tal-blat li kien idawwar il-fortizza kien jidher l-aktar faċli biex wieħed jersaq lejn dik il-muntanja. Minkejja dan kien post diffiċli biex fih wieħed iġib proviżjonijiet; għax mhux biss ried jinġieb l-ikel lill-armata minn distanzi kbar, imma l-ilma wkoll ried jinġarr lejn il-kamp, għax ma kien hemm l-ebda nixxiegħa fil-qrib. Meta Silva kien wettaq dawn it-tħejjijiet kollha minn qabel hu beda jassedja dan il-post, li kien fortizza qawwija, li issa nitkellem dwarha.

Il-fortizza kienet tinsab fuq blata li kienet kbira ħafna mad-dawra kollha u kienet tinsab fil-għoli. Kienet imdawra minn kull naħa minn widien hekk profondi li l-għajn ma kinetx tasal fil-qiegħ tagħhom. L-irdumijiet tagħha kienu hekk weqfin li l-ebda bhima ma setgħet tgħaddi mill-irdum, ħlief f'żewġ postijiet fejn dan joffri l-possibilità li wieħed jitla' fuq il-muntanja. Waħda minn dawn il-mogħdijiet kienet titla' fuqha mill-Għadira ta' Asphaltiris (Baħar il-Mejjet) lejn id-direzzjoni tal-lvant, filwaqt li l-mogħdija l-oħra kienet titla' min-naħa tal-punent u kienet eħfef. L-ewwel mogħdija kienet tissejjaħ is-*Serp*, minħabba li kienet titkagħweġ u ddur fuqha nnifisha. Jekk wieħed jiżloq żgur jaqa' għall-mewt minħabba li f'kull naħa hemm abiss profond u preċipizzju, li hu biżżejjed biex inaqqas il-kuraġġ tal-ġisem bit-terrur li jdaħħal fil-moħħ ta' dak li jkun. Fuq il-quċċata tal-għolja, Ġonatan il-qassis il-kbir kien bena fortizza u semmieha Masada. Warajh reġa' bena l-fortizza r-re Erodi fuq skala grandjuża. Hu wkoll bena ħajt madwar il-quċċata tal-għolja b'ġebel bajdani. Kien tnax-il kubit għoli u tmienja wiesgħa. Il-ħajt kellu wkoll tmienja u tletin torri, li kull wieħed minnhom kien ħamsin kubiti għoli. Ir-re żamm għalih il-quċċata tal-muntanja, li kienet ċatta. Fuq dan il-post hu bena palazz qrib it-telgħa tal-punent. Dan kien jinsab ġewwa u taħt is-swar taċ-ċittadella, imma mxaqleb lejn it-tramuntana. Il-ħajt ta' dan il-palazz kien għoli u b'saħħtu, u kellu erba' torrijiet

fil-kantunieri li kienu għoljin sittin kubiti. Il-bini, il-btieħi u l-banjijiet tal-palazz kienu kollha lussużi u jqumu ħafna flus. Il-binja kienet imwieżna minn pilastri tal-ġebel fuq kull naħa, u l-ħitan u l-pavimenti kienu mżejnin minn ġebel ikkulurit. Erodi kien ukoll bena diversi ġwiebi biex fihom jaħżen l-ilma, u kien ħaffirhom fil-blat, f'kull wieħed mill-postijiet li kien jgħix fihom, kemm fuq kif ukoll madwar il-palazz. Kien irid li jaħżen l-ilma bl-abbundanza daqslikieku kellu funtani hemmhekk. Hu ħaffer ukoll triq mill-palazz, li kienet twassal fil-quċċata tal-muntanja, imma li ma kienx faċli li wieħed jaraha jekk ikun barra mis-swar. Quddiem it-triq tal-punent hu bena torri kbir fl-iktar post dejjaq, f'distanza ta' xi elf kubiti mill-quċċata tal-muntanja. Hekk iċ-ċittadella kienet iffortifikata kemm min-natura kif ukoll mill-idejn tal-bnedmin, u kienet tbiegħed l-attakki tal-għedewwa.

Rigward l-imħażen li kien hemm fil-fortizza ngħidu li kienu jgħaġġbuk għall-kobor tagħhom u l-mod kif jippreservaw l-ikel. Hawnhekk Erodi ħażen il-qamħ fi kwantitajiet kbar hekk li jkun suffiċjenti biex diversi rġiel jgħixu hemmhekk għal żmien twil. Ħażen ukoll l-inbid u ż-żejt bl-abbundanza, kif ukoll kwantitajiet kbar ta' tamar. Dan kollu sabu Eleazar meta hu u s-Sikari ħatfu l-fortizza taħt idejhom. Dan il-frott kien għadu frisk, u mhux inferjuri għall-frott li jinġieb ġdid, għalkemm kienu għaddew kważi mitt sena minn meta Erodi kien ġab dawn il-proviżjonijiet sakemm dan il-post rebħuh ir-Rumani.

Erodi kien ħejja din il-fortizza għax hekk ried, bħala kenn minn żewġ perikli; il-periklu li l-ġemgħa tal-Lhud kienu jiddeponuh u jqiegħdu s-slaten li kellhom qabel fil-gvern; u l-periklu l-ieħor li kien jibża' aktar minnu, jiġifieri li Kleopatra, reġina tal-Eġittu ma kinetx taħbi l-intenzjonijiet tagħha, imma kienet ta' spiss titkellem ma' Antonju u tgħidlu biex jeħles minn Erodi, biex hekk hi takkwista s-saltna tal-Lhudija. Ma nistagħġbux li Antonju ma riedx iċedilha, imma hu kien sar skjav tagħha minħabba l-passjoni li kien iħoss għaliha. Il-biża' minn dawn il-perikli ġiegħlet lil Erodi jibni mill-ġdid Masada, u hekk iħalliha biex ir-Rumani jeqirduha f'din il-gwerra tal-Lhud.

Billi l-kmandant Ruman Silva kien issa bena ħajt fuq barra, madwar dan il-palazz, kif diġà għidna, u b'hekk wettaq għemil li bih b'ċertezza kien ikun jaf li ħadd mill-assedjati ma seta' jaħrab, hu ħa ħsieb imexxi l-assedju personalment, u sab post wieħed li fih seta' jibni r-rampa tal-assedju. Wara t-torri li kien jiżgura t-triq li kienet twassal fil-palazz, li kien jinsab fuq l-għolja fin-naħa tal-punent, kien hemm biċċa blata ħierġa 'l barra imma prominenti ħafna, li kienet tinsab xi tliet mitt kubit taħt l-ogħla parti ta' Masada; din kienet tissejjaħ il-Promontorju l-Abjad. Hekk hu mar fuq dik il-blata u ordna lill-armata li jġibu l-ħamrija. Huma bdew

jaħdmu għalenija u b'numru kbir tagħhom kollha flimkien, u bdew itellgħu r-rampa li saret solida għal tul ta' xi mitejn kubiti. Imma din ma kinetx għolja biżżejjed biex jużaw minn fuqha l-magni tal-assedju li kellhom itellgħu fuqha. Kien jeħtieġ biċċa xogħol oħra li biha jtellgħu ġebel kbar magħqudin flimkien fuq din ir-rampa, għal għoli u wisgħa ta' ħamsin kubiti. Il-magni li kellhom kienu bħal dawk li kien uża għall-assedji Vespasjanu, u warajh Titu. Kien hemm ukoll torri li kien jogħla għal sittin kubiti, u li kien miksi kollu bil-ħadid, li minnu r-Rumani kienu jwaddbu vleġeġ u ġebel mill-magni, biex bihom iġiegħlu lil dawk li kienu qed jiġġieldu minn fuq il-ħitan biex jirtiraw, hekk li ma jkunux jistgħu jittawlu ħalli jaraw ir-Rumani x'kienu qegħdin jagħmlu. Fl-istess ħin Silva ordna li ssir arma kbira tal-ħadid bil-ponta li tirfed is-swar, u biex jimbuttawha ta' spiss kontra l-ħitan. B'diffikultà din l-arma kissret parti mis-sur u kienet se tinfdu. Imma s-Sikari malajr ħaffu u bnew ħajt ieħor fuq ġewwa, li jkompli jiflaħ għad-daqqiet minn din l-arma tal-gwerra; kien għalhekk li bnewh minn ġebel aktar artab u mimli bl-imramma, hekk li kien jiflaħ aktar għad-daqqiet bla ħniena tal-ħadid bil-ponta li jkisser il-ġebel. Huma bnew hekk: qiegħdu travi kbar tal-injam fit-tul, wieħed wara l-ieħor; kien hemm żewġ fillieri paralelli waħda mal-oħra, u mbegħdin minn xulxin daqs kemm kienet titlob il-wisgħa tal-ħajt, b'ħafna ħamrija fl-ispazju bejn dawn iż-żewġ fillieri. Biex din il-ħamrija ma ċċedix poġġew ukoll travi bejn iż-żewġ travi kbar biex isaħħuhom, u hekk rabtuhom flimkien. Din kienet biċċa xogħol ta' bini veru, għax aktar ma kien iħabbat magħhom il-ħadid ippuntat, aktar kien iġiegħel l-istruttura tingħaqad flimkien u ssir aktar b'saħħitha minn qabel. Meta Silva ra dan ħaseb li l-aħjar soluzzjoni tkun li jagħti n-nar lill-ħajt. Għaldaqstant ordna lis-suldati biex jitfgħu ħafna torċi mixgħulin fuq il-ħajt, li billi kellu fih ħafna injam, malajr ħa n-nar, hekk li n-nar tferrex sa ma sar ħuġġieġa kbira. Issa għall-bidu, meta qabdu n-nirien beda jonfoħ riħ mit-tramuntana li kien ta' xkiel għar-Rumani; għaliex dan ir-riħ beda jġib in-nirien 'l isfel hekk li ddispraw li l-magni tal-gwerra tagħhom jieħdu n-nar. Imma wara


*Il-Palazz ta' isfel tar-Re Erodi*



*Fdalijiet tal-kamp tar-Rumani*

ftit ir-riħ ġie min-nofsinhar, u beda jonfoħ kuntrarju u jġorr in-nirien dejjem aktar qrib il-ħajt, li issa ħa n-nar fil-ħxuna kollha tiegħu. Hekk ir-Rumani, megħjunin minn Alla, marru lura lejn il-kamp tagħhom ferħanin, u ddeċidew li jattakkaw l-għedewwa tagħhom l-għada filgħodu. F'dak il-lejl għamlu għassa aktar iebsa biex ħadd mil-Lhud ma jkun jista' jaħrab mingħajr ma jinkixef.

Eleazar, iżda, qatt ma ħolom li jaħrab, u ma kienx jippermetti lil ħadd li jagħmel dan. Meta ra li l-ħajt kien inħaraq bin-nar, u li hu ma setax isib mod ieħor biex jaħarbu u lanqas kellu post għal aktar kuraġġ, u meta beda jaħseb dwar dak li r-Rumani kienu kapaċi jagħmlu lilhom, lin-nisa tagħhom u lil uliedhom, kieku kellhom jidħlu fil-fortizza, hu deherlu li l-aħjar rimedju kien li kulħadd jiġi maqtul. Billi hu qies li din kienet l-aħjar deċiżjoni li seta' jieħu fiċ-ċirkustanzi, hu ġabar miegħu lill-aktar kumpanji kuraġġużi li kellu, u inkuraġġihom biex jagħmlu dak li ħaseb billi kellimhom b'dan il-mod:

'Ħbieb ġenerużi tiegħi, billi minn żmien ilu aħna ħlifna li qatt ma nkunu qaddejja tar-Rumani, u tal-ebda bniedem ieħor ħlief ta' Alla nnifsu, li waħdu hu l-Mulej veru u ġust tal-umanità, issa wasal iż-żmien li jobbligana li nwettqu din id-deċiżjoni fil-prattika. Ma għandniex inċanfru lilna nfusna qisna wettaqna xi kuntradizzjoni, għaliex filwaqt li ma ridniex inkunu lsira qabel, għalkemm mhux mingħajr periklu għalina, issa flimkien mal-jasar ikollna nagħżlu kastigi li ma nifilħux għalihom u li għalihom jirriduċuna r-Rumani dment li għadna ngħixu. Aħna konna l-ewwel li qomna kontrihom, u aħna l-aħħar li qed niġġildulhom. Jien inqis dan bħala favur li Alla tana, dment li għadu fil-poter tagħna li mmutu ta' eroj, fi stat ta' ħelsien, mhux bħal fil-każ ta' sħabna l-oħrajn li sfaw mirbuħa. Hu ċar li għada ġejjin biex jeħduna; imma għad fadlilna l-għażla li mmutu b'mod glorjuż, flimkien mal-ħbieb għeżież tagħna. Dan l-għedewwa tagħna ma jistgħux iżommuna milli nagħmluh, għalkemm huma jixtiequ jeħduna ħajjin … Aħna nafu li l-istess Alla tagħna, li kien iffavorixxa l-ġens tal-Lhud, issa kkundannhom għall-qerda; dan għaliex Hu deher inkurlat għalina, u ppermetta l-qerda ta' ħafna bnedmin, u ħalla l-belt qaddisa tiegħu tiġi maħruqa mill-għedewwa. Sa issa aħna rnexxielna nżommu lilna nfusna, u lilna nfusna biss, fi stat ta' ħelsien, u ma aħniex ħatja ta' xi dnub kontra Alla … Ejjew inħallu li n-nisa tagħna jmutu qabel ma jiġu abbużati, lil uliedna jmutu qabel ma jduqu l-jasar, u wara li nkunu qtilnihom ejjew nagħmlu l-istess favur wieħed lill-ieħor, u hekk inħarsu l-ħelsien tagħna. Imma qabel ejjew neqirdu l-fortizza bin-nar; għaliex jiena żgur li dan ikun ta' dispjaċir għar-Rumani, la ma jkunux jistgħu jaħkmu la lil ġisimna u lanqas il-ġid tagħna; ejjew neqirdu kollox imma nħallu l-proviżjonijiet biex nuruhom li aħna ma mitniex għax konna bil-ġuħ, imma għax ma ridniex nissagrifikaw il-ħelsien tagħna għall-jasar.'

Dan kien id-diskors li

għamlilhom Eleazar. Imma l-opinjoni ta' dawk li semgħuh kienet differenti; għax għalkemm xi wħud minnhom kienu mimlijin ħeġġa biex ipoġġu l-parir tiegħu fil-prattika, u dan kien jogħġobhom, u kienu jaħsbu li l-mewt kienet ħaġa tajba, imma dawk li kienu dgħajfin ġiethom ħniena min-nisa u l-familji tagħhom … Meta Eleazar ra lil dawk in-nies hekk imbeżżgħin, beda jibża' li jaqtgħu qalbhom u jtaffu l-qawwa ta' dak li kien qalilhom; b'hekk hu ma hediex jeżortahom, imma tħeġġeġ b'qawwa akbar u qalilhom …:

'Billi aħna kellna tama ġeneruża li ddeludietna, ukoll jekk forsi aħna nkunu kapaċi nagħmlu vendetta mill-għedewwa tagħna, issa jidher ċar li aħna sfajna waħedna f'dan il-hemm, u għalhekk ejja nħaffu biex immutu ta' nies kuraġġużi. Ejjew nuru ħniena magħna nfusna, ma' wliedna, man-nisa tagħna sakemm għadna nistgħu nuru ħniena lejhom; għaliex aħna twelidna biex immutu, u l-istess ngħidu għal dawk li aħna nissilna … Billi għad għandna idejna ħielsa u għadhom iżommu x-xabla, ejjew mela naqdu dan il-pjan glorjuż tagħna; ejjew immutu qabel ma nsiru lsira taħt l-għedewwa tagħna, u ejjew noħorġu minn din id-dinja, flimkien ma' wliedna u n-nisa tagħna, fi stat ta' nies ħielsa. Dan hu dak li jikkmandawna l-liġijiet tagħna biex nagħmlu, u li n-nisa tagħna u wliedna jixtiequ li nwettqu; mhux biss, imma hu Alla nnifsu li ġab dan il-bżonn fuqna; filwaqt li r-Rumani jixtiequ l-kuntrarju, u jibżgħu li xi wħud minna jmutu qabel ma jaqbduna. Ejjew mela nħaffu, u ma nħalluhomx igawdu dan il-pjaċir, għax huma jixtiequ li jaħkmuna taħt il-qawwa tagħhom. Ejjew inħallu eżempju li jnissel stagħġib għall-mewt tagħna, u l-ammirazzjoni tagħhom għad-deċiżjoni iebsa tagħna.'

Filwaqt li Eleazar kien għadu jħeġġiġhom ilkoll waqqfuh, u bdew iħaffu biex iwettqu dan ix-xogħol tagħhom, bħallikieku kienu maħkuma minn ġenn ta' moħħ. Kulħadd mar għal triqtu, deċiż li jwettaq xogħlu qabel l-oħrajn; hekk kienet qawwija l-ħeġġa li kellhom li joqtlu lin-nisa tagħhom, lil uliedhom, u lilhom infushom ukoll! U meta ġew biex iwettqu din il-ħidma l-kuraġġ ma naqashomx, kif wieħed jista' jimmaġina, imma żammew qawwija l-istess riżoluzzjoni li kienu ħadu mingħajr ma qagħdu jaħsbuha. Għalkemm kienu semgħu d-diskors ta' Eleazar kull wieħed minnhom żamm l-istess passjoni naturali ta' mħabba għalih innifsu u għall-familja tiegħu, għaliex dak ir-raġunament dehrilhom li kien wieħed ġust, ukoll għal dawk li kienu l-aktar qrib tagħhom. Hekk l-irġiel għannqu lin-nisa tagħhom bil-ħlewwa u ħadu lil uliedhom fi driegħhom u bisuhom fit-tul qabel infirdu minnhom, b'għajnejhom mimlijin dmugħ. Fl-istess ħin wettqu dak li kienu ddeċidew li jagħmlu bħallikieku kienu nies barranin li ġew biex joqtlu; ma kellhom l-ebda konfort minn dan ħlief il-ħtieġa li ġegħlithom iwettqu din l-eżekuzzjoni, biex jevitaw il-periklu li jsofru f'idejn l-għedewwa tagħhom. Il-hemm li kienu fih ġegħelhom joqtlu lin-nisa tagħhom u lil


*Dehra tal-Fortizza ta' Masada*



*Fdalijiet tal-Knisja Biżantina ta' Masada*

uliedhom b'idejhom stess, bħallikieku dan kien l-inqas għemil ta' ħażen li kellhom quddiem l-għażla tagħhom. Billi ma felħux iġorru n-niket li kienu fih minħabba dak li kienu wettqu, u waqt li qiesu min kienu dawk li huma qatlu u ma ridux jgħixu l-inqas spazju ta' ħin warajhom, huma xeħtu l-iġsma kollha gozz wieħed u tawhom in-nar. Imbagħad għażlu minn fosthom għaxart irġiel bix-xorti biex joqtlu lill-oħrajn kollha; kull wieħed inxteħet maġenb martu u wliedu mal-art u għannaqhom miegħu filwaqt li offra għonqu għad-daqqiet ta' xabla ta' dawk li, mingħajr biża', qatluhom ilkoll. Dawn imbagħad tellgħu x-xorti bejniethom biex jaraw min kellu jkun dak li joqtol lid-disgħa l-oħrajn, u mbagħad joqtol lilu nnifsu. B'hekk dawk kollha kellhom il-kuraġġ meħtieġ biex ma jkunux wara l-oħrajn f'dak li għamlu u sofrew, u fl-aħħarnett kollha offrew għonqhom għal dawk li qatluhom. L-aħħar wieħed ta ħarsa madwaru biex jara jekk kienx għad hemm xi ħadd fost il-maqtulin li kellu bżonn li jgħinu biex imut. Meta ntebaħ li kienu kollha mietu, b'qawwa kbira hu nifed lil ġismu bix-xabla, u waqa' mejjet fost qrabatu. B'hekk dawn in-nies mietu bl-intenzjoni li ma jħallu l-ebda wieħed minnhom ħaj ħalli jkun ilsir tar-Rumani. Minkejja dan kien hemm mara anzjana, u mara oħra li kienet tiġi minn Eleazar, li kienet aktar nobbli min-nisa l-oħrajn għall-għerf u l-għaqal tagħha, flimkien ma' ħamest itfal, kienu nħbew fl-għerien taħt l-art, u li ġarrew magħhom l-ilma biex jixorbu. Hemmhekk huma baqgħu moħbija filwaqt li l-oħrajn kienu mehdijin biex joqtlu lil xulxin. Dawk li mietu kienu disa' mija u sittin, inklużi n-nisa u t-tfal. Dan il-qtil tal-biża' seħħ fil-ħmistax-il jum tax-xahar ta' Xanthicus (Nisan).

Issa r-Rumani kienu stennew li filgħodu kellhom jiġġieldu. Wara li libsu l-armaturi tagħhom, poġġew pontijiet ta' planki fuq is-slielem mir-rampa, biex jagħtu l-assalt lill-fortizza. Imma meta għamlu hekk ma raw lil ebda għadu joħroġ kontrihom, imma sabu solitudni terribbli minn kull naħa, u nar kbir fil-palazz, kif ukoll silenzju perfett. Ippruvaw jifhmu dak li ġara. Fl-aħħar taw għajta kbira biex jaraw jekk jistgħux joħorġu lil xi ħadd minn hemm ġew. In-nisa moħbija semgħu l-ħoss u ħarġu mill-għar taħt l-art li fih kienu nħbew, u infurmaw lir-Rumani dwar dak li kien ġara. Huma ddeskrivew dak li kien ingħad u li kien seħħ u l-mod kif dan seħħ. Imma r-Rumani ma ridux għall-ewwel jemmnu f'azzjoni ta' disperazzjoni bħal dik. Huma ppruvaw ukoll jitfu n-nar, u marru lejn il-palazz, fejn sabu quddiemhom ix-xena tal-kotra tal-maqtulin. Għalkemm ħaġa bħal din kienu għamluha l-għedewwa tagħhom, huma ma ħadux gost b'dak li raw quddiem għajnejhom. Lanqas ma naqsu li jistagħġbu u jammiraw il-kuraġġ tal-fehma, u l-istmerrija tal-mewt li numru hekk kbir ta' bnedmin kienu urew, hekk li għaddew minn esperjenza bħal dik."




*Fr Charles Buttiġieġ*

*"Araw, għax jiġi żmien, Oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Israel u dar Ġuda" (Ġeremija 31:31)*



Il-Bibbja għandha żewġ partijiet, li nsejħulhom l-Antik Testment u l-Ġdid Testment jew ir-Rabta l-Qadima u r-Rabta l-Ġdida. Fl-Antik Testment għandna l-istorja tal-pjan tas-salvazzjoni minn Alla bħala tħejjija għall-Miġja tal-Mulej. Fil-Ġdid Testment għandna l-ħajja u tagħlim ta' Ġesù li jilħaq il-qofol tiegħu bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. Din l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni nkomplu narawha titħabbar permezz tal-appostli mmexxija mill-Ispirtu s-Santu.

## Ir-Rivelazzjoni tal-Missier

L-ewwel nett il-Ġdid Testment ma jwarrabx it-Testment il-Qadim, anzi t-Testment il-Ġdid jimplika dak li hemm fir-Rabta l-Qadima. Hemm xejn inqas minn madwar 350 kwotazzjoni mill-A.T.

fil-Ġdid Testment, anke Ġesù innifsu jikkwota mill-A.T. Fil-Ġdid Testment il-missjoni ta' Ġesù tiffoka fuq r-rivelazzjoni tal-Iben ta' Alla u r-rivelazzjoni tal-Missier mill-Iben li tagħti risposta finali ta' dak kollu li Alla għamel mal-poplu ta' Israel fl-Antik Testment. Jiġifieri, nsiru nafu lil Missier mhux biss permezz tal-ħolqien, permezz tal-alleanzi jew tal-pattijiet, jew permezz tal-profeti, jew permezz tat-tempju; imma huwa l-Iben innifsu li jurina lill-Missier kif naraw fl-erba' evanġelji: "Missier, igglorifika lili bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja… il-glorja li tajtni int, għaliex int ħabbejtni sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja" (Ġw 17:5-24); "Kollox kien mogħti lili minn Missieri, u ħadd ma jagħraf lill-Iben jekk mhux il-Missier, kif ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk mhux l-iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafhulu" (Mt 11:25-27, ara ukoll Lq 10:21-22).

Din ir-relazzjoni bejn l-Iben u l-Missier narawha fuq kollox fir-raba' evanġelju ta' San Ġwann: "Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda, (bil-grieg: *hen semen*)" (Ġw 10:30); "Il-Missier huwa fija u jiena fil-Missier" (Ġw 10:38); "Min ra lili ra lill-Missier" (Ġw 14:9); "Li kieku kontu tafu lili, kontu tafu lil Missieri ukoll" (Ġw 8:19). "Il-ħwejjeġ li jagħmel il-Missier jagħmilhom l-Iben ukoll, bħalu" (Ġw 5:9); "Bħalma l-Missier iqajjem lill-mejtin u jagħtihom il-ħajja, hekk ukoll l-Iben jagħti l-ħajja lil dawk li jrid hu" (Ġw 5:21); "Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi" (Ġw 16:15); "Jiena m'iniex waħdi, imma miegħi għandi l-Missier li bagħtni (Ġw 8:16).

## Il-Patt il-Ġdid fi Kristu

F'Ġen 15:9-17 naraw il-metodu antik semitiku ta' kif kien isir il-patt bejn żewġ partijiet, fejn litteralment l-annimali tas-sagrifiċċju kienu jinqasmu min-nofs u l-partijiet involuti fil-kuntratt kienu jgħaddu minn bejn il-bhima maqsuma biex juri li minn ma josservax il-kuntratt ikun ħaqqu l-mewt. Fl-Ebrajk il-kelma patt hija *berit*, u tfisser 'li taqta' patt' aktar milli 'tagħmel patt'. Juri fuq kollox it-tixrid tad-demm bħala kundizzjoni neċessarja għall-patt. Issa l-patt il-ġdid huwa mħabbar mill-profeta Ġeremija 31:31-34; Eżekjel 36:27; Isaija 54:10; Osea 2:18-23 u mill-profeta Malakija 3:1-4. F'Ġer 31:31 niltaqgħu mal-patt il-ġdid li se jagħmel Alla mal-Poplu tiegħu, bl-ebrajk *berith hadaxah*, bil-grieg *he diatheke kaine*: "Araw, għax jiġi żmien, Oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Israel u dar Ġuda". Il-patt il-qadim tas-Sinaj intemm minħabba d-dnubiet ta' Israel. Iżda issa Alla se jagħmel patt ġdid imnaqqax fil-qalb tal-laħam, u mhux fuq il-ġebel. Dan il-patt, ġie fis-seħħ bis-sagrifiċċju bid-demm ta' Ġesù Kristu fuq is-salib.

Il-qofol ta' dan kollu li għidna narawh fuq kollox f'Ġesù Kristu fl-Aħħar Ċena. Għandna l-kliem tat-twaqqif tal-Ewkarisija f'Mt 26:28 fejn naraw il-barka tal-patt il-ġdid: "għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-



dnubiet"; f'Mk 14:24: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra"; f'Lq 22:20: "Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: 'Dan il-kalċi huwa l-Patt ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom'"; u 1 Kor 11:25: "Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi". Għandna dejjem preżenti hawnhekk il-kelma 'patt'. Ġesù Kristu għalhekk huwa l-medjatur ta' dan il-patt il-ġdid.

## Il-Qawmien ta' Kristu

L-aħbar tal-qawmien mill-mewt ta' Kristu wara tlitt ijiem fil-qabar, anke tal-ġisem tiegħu kienet aħbar tassew inkredibbli. L-ewwel kitba li nsibu fil-Ġdid Testment rigward ir-riżurrezzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu nsibuha fl-ittri pawlini, fejn San Pawl stess kellu l-esperjenza ta' Kristu ħaj. Infatti San Pawl jisħaq ħafna fuq il-qawmien ta' Kristu lill-komunità tal-Korintin fejn il-kuntest pagan kien iħaddan biss l-immortalità tar-ruħ biss u mhux il-qamwien tal-ġisem. "L-ewwel nett għallimtkom dak li tgħallimt, li Kristu miet għal dnubietna, skont il-Kitba, u kien midfun u qam fit-tielet jum skont il-Kitba, u deher lil Kefa, imbagħad lit-Tnax." (1 Kor.15:3-5). Dan it-twemmin iffundat mela fuq xhieda awtentika u apostolika juri ġrajja li qatt ma ġrat qabel u lil ebda persuna, li Ġesù qam mill-mewt biex ma jmutx aktar.

Għalhekk il-qawmien mill-imwiet jimplika Kristu fir-realtà totali tiegħu u għalhekk anke l-ġisem tiegħu ġie mqajjem għall-glorifikazzjoni u għall-immortalità. Dan kien l-ewwel messaġġ ta' predikazzjoni tal-appostli li mbagħad wara diversi stadji, dan il-materjal ta' predikazzjoni nkiteb fl-evanġelji li għandna.

Din ir-realtà tal-qawmien hija mela l-prova l-iktar importanti għall-verità tal-kristjaneżmu. Kien għalhekk li San Pawl ikompli jgħid li permezz tal-qawmien ta' Kristu, Kristu Rxoxt huwa Ħaj għal dejjem; "U jekk Kristu ma qamx, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna u fiergħa l-fidi tagħkom… Imma le: Kristu qam minn bejn l-imwiet, l-ewwel fost il-mejtin. Għax bi bniedem ġiet il-mewt u bi bniedem il-qawma tal-imwiet. Għax bħalma kulħadd imut f'Adam, hekk ukoll kulħadd jerġa' jieħu l-ħajja fi Kristu" (1 Kor 15:14).

## Biblijografija


Farkasfalvy, D., *Jesus reveals the Father: The center of New Testament Theology*, Communio 26 (1999) 235-257.

Grilli, M., *Quale rapporto tra i due Testamenti?*, Bologna 2007.

Kummel, G., *The Theology of the New Testament*, Nashville (TN) 1973.

Pontificia Commissione Biblica, *Il popolo Ebraico e le sue Sacre Scritture nella Bibbia Cristiana*, Città del Vaticano 2001.

Segalla, G., *Rassegna di teologie del N.T.*, Studia Patavina 16 (1969) 131-149.



# KRISTU L-QASSIS IL-KBIR ĦANIN U DEN TA' FIDI (LHUD 3,1-3; 14)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

"Ħuti qaddisin li għandkom sehem fis-sejħa tas-sema, aħsbu f'Ġesù, l-appostlu u l-qassis il-kbir tar-reliġjon li aħna nistqarru. Hu kien fidil ma' dak li ħatru kif kien ukoll Mosè fid-dar kollha ta' Alla. Issa dan Ġesù kien meqjus li jistħoqqlu glorja daqshekk aqwa minn dik ta'



Mosè daqskemm aktar ħaqqu ġieħ il-bennej mid-dar li jkun bena". "Għax aħna għandna sehem fi Kristu, jekk inżommu sħiħa sal-aħħar it-tama li kellna fil-bidu".

## Ħanin u den tal-fidi

Fl-aħħar tal-kapitlu tnejn ta' l-ittra lil-Lhud, l-awtur jitkellem minn Kristu qassis il-kbir u jżid miegħu żewġ kwalitajiet qawwijin b'ħafna tifsir: Dawn huma (a) ħanin, u (b) fidil. Kristu "kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox, biex ikun il-qassis il-kbir, **ħanin u fidil f'dak** li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għal dnubiet il-poplu". (Lhud 2,17). Ta' min josserva hawn li dawn iż-żewġ aġġettivi ma jfissrux xi virtù individwali bħal ngħidu aħna il-kuraġġ, il-paċenzja, il-prudenza, imma għandhom x'jaqsmu ma' relazzjonijiet bejn il-persuni. Wieħed ikun ħanin ma' xi ħadd ieħor u l-istess fidil jew ta' kelma ma' xi ħadd ieħor ukoll. Mela żewġ kwalitajiet verament saċerdotali.

Dawn huma żewġ kwalitajiet marbutin mal-patt. "Fidil" mela jirrigwarda dik il-kapaċità li tressaq in-nies f'relazzjoni ma' Alla. "Ħanin" jesprimi dik il-kapaċità l-oħra li tifhem, taħfer u tagħder, mela li tgħin lil aħwa tant fil-bżonn. Hekk kien tassew Ġesù, il-qassis il-kbir, mimli sax-xfar fidi li ma tiċċaqlaqx, u xejn anqas imfawwar ħniena lejn il-bnedmin kollha. Il-paġni tal-Vanġelu jikkonfermaw waħda sew dan li qegħdin ngħidu. Anke fl-Atti tal-Appostli, Pietru

jikkonferma dan kollu: “Dan Ġesù għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan” (Atti 10,38). Dawn iż-żewġ kwalitajiet f’Ġesù, huwa kompla jorbothom sħiħ miegħu permezz tal-mewt u tal-glorifikazzjoni li kiseb fil-qawmien.

## Tifsira sħiħa: Den ta’ fidi

Fil-kapitlu 3 vers 2 l-awtur jikteb hekk: “Hu kien fidil ma’ dak li ħatru kif kien ukoll Mosè fid-dar kollha ta’ Alla”. F’din il-kwotazzjoni il-Grieg jaqra *piston* li għandha tiġi tradotta den ta’ fidi. Meta wieħed jittraduċi *pistos* bil-kelma fidil, il-verb ikun qed jagħmlu fil-passat. Mela hekk wieħed ikun iħares lejn Ġesù bħala persuna tal-imgħoddi, fidil, u leali lejn il-missjoni li Alla l-Missier fdalu biex ikompliha sal-aħħar. Hawn ir-riferenza hija għall-passjoni.

Fil-Grieg però hemm il-parteċipju preżent. L-awtur ma jistedinx biex wieħed jikkontempla lil Ġesù kif kien fl-imgħoddi, imma kif inhu ILLUM, issa, mela gglorifikat, tant li jirrivela lilu nnifsu den ta’ fidi, tafdah u ta’ awtorità. Bil-qawmien tiegħu mill-**mewt Alla ppreżenta lil Ibnu lilna lkoll bħala den ta’ fidi.** Hekk ukoll saħħaħ dan San Pawl fl-Arjopagu lil dawk li kienu preżenti “Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja permezz ta’ bniedem li ħatru hu; u ta’ dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajmu mill-imwiet” (Atti 17,31). Din hija kwalità ta’ fedeltà li Ġesù fil-fatt għandu fil-milja kollha tagħha issa li huwa gglorifikat.

## Den ta’ fidi f’rapport ma’ Alla

Biex isaħħaħ u jippreċiża aktar il-ħsieb tiegħu l-awtur jagħmel xebh ma’ Mosè, mhux le dwar il-fedeltà tiegħu għaliex din kienet għada mhux perfetta (Dt 32, 50-51). Il-ġrajja qiegħda f’Numri 12. Il-kuntest huwa dwar l-awtorità li kellu Mose vis-a-vis oħtu Marija u ħuh Aron (Num 12,1-2) kif ukoll ir-rwol ta’ medjazzjoni fejn tidħol il-kelma ta’ Alla. Hawn dehret l-għejra fl-aqwa tagħha bejn l-aħwa. Il-Mulej sema’ sew din il-ġlieda u wieġeb bil-qawwa kollha:

“Isimgħu kliemi:

Jekk xi ħadd minnkom ikun profeta,

Jiena l-Mulej nidhirlu f’viżjoni,

u nkellmu fil-ħolm.

Mhux hekk ma’ Mosè l-qaddej tiegħi,

il-bniedem li fdajtlu dari”. (Num 12, 6-7).

L-awtur tal-ittra qabad din l-espressjoni. Alla kkastiga lil Marija minħabba l-kontestazzjoni tagħha lejn ħuha Mosè u ġġiddmet. U sabiex tfiq mill-ġdiem, Marija kellha bżonn l-għajnuna ta’ ħuha Mosè. Hawn ukoll Mosè deher fidil mal-missjoni li fdalu Alla.

L-awtur tal-ittra ried issa joħroġ fil-beraħ lil Ġesù bħala Mosè l-ġdid li huwa tassew den tal-fidi mal-missjoni li fdalu Alla Missieru. Il-provi jidhru sew fil-Vanġelu: “In-nies baqgħu mistagħġbin bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax beda jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba” (Mk 1,22). Din is-setgħa sabet il-quċċata tagħha fid-diskors tal-Muntanja: “Smajtu x’intqal lin-nies… imma jien ngħidilkom” (Mt 5,21-22.27-28.31-32.33-34.38-38.43-44).

Din is-setgħa kompliet issib il-milja sħiħa tagħha fil-qawmien glorjuż ta’ Ġesù, qawmien li ma hawnx impar tiegħu. Alla ppreżenta lil Ibnu kollu fedeltà biex ikun għalina ta’ sostenn sħiħ u qawwi għalina l-bnedmin mexjin warajh dejjem u fi żgur.

## Bennej ta’ dar

L-awtur tal-ittra issa jgħaddi għal ħsieb ieħor dwar Ġesù, fejn japplikalu t-titlu ta’ **“bennej ta’ Dar”,** kwalifika li ma ġietx mogħtija lil-leġislatur Mosè. (Lhud 3,3). Dan Mosè lil Alla bnielu biss għarix ċkejken ħafna, sempliċement għata biex ġo fih toqgħod u tistkenn l-arka tal-patt. Ġesù, iben David, dejjem skont il-profezija ta’ Natan, kellu jibni hu d-dar lil Alla: “Huwa jibni dar

lil ismi" (2 Sam 7,13). "Hu jibnili dar, u jiena nsaħħaħ it-tron tiegħu għal dejjem" (1 Kron 17,12).

Huwa Kristu biss u waħdu dan il-bennej tad-dar ta' Alla Missieru. Meta Ġesù keċċa l-bejjiegħa mit-tempju u l-kbarat b'rabja kbira fuqhom talbuh jgħidilhom minn fejn ġab dik is-setgħa li jagħmel dan Ġesù weġibhom: "Ħottu dan is-santwarju u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu". (Ġw 2,19). L-evanġelista però li kkontempla sew dwar din il-ġrajja u kliem Ġesù iżid: "Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu" (Ġw 2,21). Mela t-tempju ta' Ġerusalemm kien simbolu tal-ġisem glorjuż ta' Ġesù. U Ġesù bena tassew din id-dar bil-qawmien glorjuż tiegħu.

## Qaddej u Iben

Però, dejjem f'xebh ma' Mosè, Ġesù jisboq lil dan il-personaġġ tat-Testment il-Qadim bil-bosta u bosta aktar. Ara x'jikteb: "Issa dan Ġesù kien meqjus li jistħoqqlu glorja daqshekk aqwa minn dik ta' Mosè daqs kemm aktar ħaqqu ġieħ il-bennej mid-dar li jkun bena." (Lhud 3,3). L-awtur tal-ittra, dejjem biex ikompli joħroġ għad-dawl is-supremazija ta' Ġesù fuq Mosè, jagħmel użu minn żewġ kelmiet differenti ħafna minn xulxin.

L-awtur lil Mose isejjaħlu "qaddej", *therapion* li kompla x-xogħol afdat f'idejh. Niftiehmu ma sejjaħlux skjav *doulos*. "Qaddej" huwa titlu wisq aktar għoli minn skjav. Lil Ġesù però, l-awtur sejjaħlu "IBEN". Hawn klimaks tassew qawwi. Skjav, qaddej, Iben! U dan dejjem skont l-oraklu tal-profeta Natan (2Sam 7,14; 1 Kron 17,13). Il-konferma ta' Ġesù bħala iben, toħroġ waħda sew fil-beraħ waqt il-magħmudija ta' Ġesù fix-xmara Ġordan: **"Dan hu Ibni l-għażiż**: fih sibt il-għaxqa tiegħi" (Mt 3,17; 17,5 u paralleli). Mela inkwantu Ġesù huwa " Iben" dan għandu seta' aktar fuq id-dar ta' Missieru.

Minn dan għalhekk jidher waħda sew kemm l-awtur tal-ittra lil-Lhud jinsisti fuq is-saċerdozju ta' Ġesù: esseri den tassew ta' fidi, u ħanin lejn ħutu l-bnedmin.






# IL-FIDI FL-ISKRITTURA

*P. Marcello Ghirlando ofm*

Fil-11 ta' Ottubru ta' din is-sena l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI jiftaħ iċ-ċelebrazzjoni tal-Knisja Universali tas-Sena tal-Fidi. F'dan il-kuntest nixtieq li flimkien nagħtu lemħa ħafifa lejn il-kotba tal-Iskrittura biex fil-qosor ħafna naraw x'igħidulna fuq it-tema tal-FIDI.



## Abraham

Li kieku kellna nagħmlu ftit statistika, nistgħu ngħidu li l-verb *temmen* hu rari fl-Antik Testment: insibuh daqs għaxar darbiet u jxaqleb għas-sens ta' *fedeltà* u *fiduċja*. Huwa ħafna aktar frekwenti fil-Ġdid Testment b'qawsalla ta' tifsiriet.

Biex nirriflettu fuq il-fidi fl-Iskrittura Mqaddsa rridu ta' bilfors inħallu jidwi f'widnejna l-vers ta' Ġenesi 15, 6 li għal Abraham jingħad: *"U hu emmen fil-Mulej, u dan għaddhulu b'ġustizzja"*. Din hija l-esperjenza reliġjuża ta' Abraham. Quddiem il-Kelma ta' Alla li jwiegħdu nisel daqs il-kwiekeb tas-sema, il-Patrijarka jemmen f'Jaħweh u fil-qawwa tiegħu li jwassal il-wegħda magħmula għat-twettieq tagħha. *"'Ħares sewwa lejn is-smewwiet u għodd il-kwiekeb, jekk għandek ħila tgħoddhom.'* U żied jgħidlu: 'Hekk għad ikun nislek.'" Il-fidi ta' Abraham hija mżewqa

bil-fiduċja f'Alla li fiH jintelaq bis-sħiħ. Hi din il-fidi li skont l-Iskrittura "*għaddhulu b'ġustizzja*". Il-fidi ta' Abraham ssir daqs li kieku offerta kultwali li togħġob lil Alla, att ta' fidi u fiduċja li jgħaqqad lil Abraham mal-kelma solenni tal-wegħda, u fl-aħħar mill-aħħar, mal-istess Alla nnifsu. Il-fidi ta' Abraham issir il-mod u l-mezz li bih il-patt li Alla joffri lilu u lil nislu jsir effettiv… u affettiv fl-istess ħin: għax hija din il-fidi li twelled relazzjoni ħajja li kellha tagħti frott bil-kotra.

## L-Eżodu

Il-verb *temmen* fl-Antik Testment jinsab fir-rakkonti li jitkellmu mill-Eżodu. Il-ġenerazzjoni meħlusa mill-jasar tiġi mpinġija fid-dawl tal-fidi jew in-nuqqas tagħha. Hija l-ġenerazzjoni li ġiet imsejħa temmen f'Mosè bħala l-mibgħut ta' Alla u f'Alla l-Ħellies. Hu għalhekk li Alla jikkonferma l-missjoni mogħtija lil Mosè: "*Sabiex jemmnu li deherlek il-Mulej, Alla ta' missirijiethom, Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, Alla ta' Ġakobb*" (Eż 4, 5). Din l-esperjenza tal-għaġeb twassal biex l-Iskrittura tistqarr: "*Ra Iżrael kulma għamel il-Mulej lill-Eġizzjani bil-qawwa ta' driegħu. U beża' l-poplu mill-Mulej, u emmen fil-Mulej u f'Mosè, il-qaddej tiegħu*" (Eż 14, 31). Għalhekk is-Salm 106, 12 jgħanni: "*Imbagħad emmnu fi kliemu, u għana ta' tifħir għannewlu*". Minkejja dan kollu, il-poplu kellu jitħabat ukoll man-nuqqas ta' fidi. Il-biża' mill-art imwiegħda mgħammra minn popli qawwija twassal għall-istqarrija ta' Numri 14, 11: "*U l-Mulej qal lil Mosè: 'Kemm se jdum jeħodha kontra tiegħi dan il-poplu! Kemm se jdumu ma jafdawx fija, minkejja s-sinjali li għamilt f'nofshom'.*" Għalhekk is-Salm 78, 22.32 jgħanni: "*Għax huma ma emmnux lil Alla, ma ttamawx fl-għajnuna tiegħu… b'danakollu baqgħu jidinbu, ma emmnux fl-għeġubijiet tiegħu*".

F'dan il-kuntest kollu l-esperjenza tal-fidi hija kwistjoni ta' fiduċja f'Alla u fil-ħidma tiegħu li ssalva. Fiduċja mitluba f'kull sitwazzjoni, anke dawk diffiċli. Fidi fil-kelma ta' Alla li teħles mill-paralisi tal-biża' u tnissel tama żgura f'Dak li jmexxi u jwassal għall-ħelsien.

## Iżaija

Il-profeta tal-fidi: hekk jissejjaħ Iżaija. Għax il-profeta juri li l-fidi titlob li l-bniedem jafda kompletament f'Alla. Quddiem il-biża' tas-Sultan Aħaż li ddgħajjef quddiem it-theddida militari ta' Damasku u s-Samarija kontra l-belt ta' Ġerusalemm, Alla b'fomm Iżaija jitlob il-fidi: "*…jekk ma temmnux, ma tibqgħux sħaħ*" (Iż 7, 9). Li temmen ifisser li ssib f'Jaħweh il-blata tal-binja ta' ħajtek. Jekk le, il-bniedem bħal donnu jibni fuq ir-ramel. "*Ħażin għalihom dawk li jinżlu l-Eġittu għall-għajnuna, għal dawk li jittamaw fiż-żwiemel; il-fiduċja tagħhom fil-kotra tal-karrijiet, u l-qawwa u s-saħħa tar-rikkieba, imma ma jittamawx fil-Qaddis ta' Iżrael, u l-Mulej ma jfittxuhx*" (Iż 31, 1). Hija l-fidi f'Alla li għandha tkun il-pedament li fuqu l-poplu jrid jibni ħajtu: "*Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Jien inqiegħed fis-sod ġebla f'Sijon, ġebla magħżula u prezzjuża, ġebla tax-xewka, imsejsa sewwa, u min jemmen fiha ma jitħarrikx'*" (Iż 28, 16).

Alla biss huwa l-Mulej, Hu biss jista' jsalva: "*Intom ix-xhieda tiegħi, oraklu tal-Mulej, u l-qaddej tiegħi li jiena ħtart, biex tagħrfuni u temmnuni u tifhmu li jiena hu. Qabli qatt ma ssawwar xi Alla, u lanqas warajja qatt ma jkun hemm*" (Iż 42, 10). Il-poplu huwa mistieden jemmen, jafda u jingħaqad ma' Dak li jista' jsalva u jeħles lill-imjassra: "*Jiena, jiena l-Mulej, u ħliefi m'hemmx salvatur*" (Iż 42, 11).

## Il-Vanġeli Sinottiċi

It-tema tal-fidi hija komuni fir-rakkonti tal-mirakli ta' Ġesù fil-Vanġeli Sinottiċi. Hija l-fidi tal-ħbieb tal-mifluġ (Mk 2, 5) li tqanqal lil Ġesù dlonk jaħfirlu dnubietu. Hija l-fidi li twassal lill-għama ta' Ġeriko biex jirċievi d-dawl: "*Mur, il-fidi*




*tiegħek fejqitek*" (Mk 10, 52). Anke l-fejqan tal-mara li messet tarf il-mantell ta' Ġesù u l-qawmien tat-tifla ta' Ġajru huma msejsa fuq il-fidi: "*Binti, il-fidi tiegħek fejqitek; mur bis-sliem u kun imfejqa mill-marda tiegħek…tibżax, biss inti emmen*" (Mk 5, 34.36). Id-djalogu bejn Ġesù u missier it-tifel li kellu jinħeles mix-xitan huwa sabiħ immens: "*… 'Imma int, jekk tista' tagħmel xi ħaġa, għinna u ħenn għalina!' 'Jekk tista'!' qallu Ġesù. 'Kollox jista' jkun għal min jemmen!' Missier it-tifel minnufih beda jgħajjat u jgħidlu: 'Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!'*" (Mk 9, 22-24). Għall-fidi kbira tagħhom, iċ-ċenturjun u l-Kanghanija jiġu mfaħħra mill-Mulej: "*Tassew, ngħidilkom, f'ħadd minn Iżrael ma sibt fidi bħal din… mur, ħa jsirlek kif emmint!*" (Mt 8, 10.13). "*Mara, il-fidi tiegħek kbira! Ħa jsirlek kif tixtieq*" (Mt 15, 28).

Il-fidi mela, fil-kuntest tar-rakkonti tal-mirakli, hija fiduċja f'Ġesù u fil-qawwa tal-kelma setgħana tiegħu. Il-mirakli huma tweġiba lil dawk li jafdaw f'Ġesù. Huma frott il-fidi ta' min jitlob skont il-kelma ta' Ġesù: "*Emmnu f'Alla. Tassew ngħidilkom, li jekk xi ħadd jgħid lil din il-muntanja, 'Intrefa' u nxteħet il-baħar', bla ma joqgħod jitħasseb f'qalbu imma jemmen li dak li jgħid ikun se jsir, isirlu żgur. Għalhekk ngħidilkom: kulma titolbu fit-talb tagħkom, emmnu li tkunu ġa qlajtuh, u jingħatalkom*" (Mk 11, 23-24).

Il-Vanġeli Sinottiċi jitkellmu wkoll mill-fidi f'xi ħadd jew xi ħaġa. Hemm il-fidi fil-kelma ta' Alla li, per eżempju, tasal permezz tal-anġlu lil Marija, li temmen (Lq 1, 45), u lil Żakkarija li ma

jemminx (Lq 1, 20). Il-mexxejja tal-poplu ma emmnux fil-kelma u fil-missjoni tal-Battista (Mk 11, 31), filwaqt li l-pubblikani u n-nisa tat-triq emmnuh (Mt 21, 32). Atteġġjament li jidher anke fil-konfront ta' Ġesù: *"Ħa jinżel issa l-Messija, is-sultan ta' Iżrael, minn fuq is-salib biex aħna naraw u nemmnu!"* (Mk 15, 32).

Minn dan kollu jidher li l-persuna u l-ħidma tal-mibgħut ta' Alla huma l-oġġett tal-fidi jew tan-nuqqas tagħha. Il-Vanġelu, mela, isir l-oġġett tal-fidi neċessarju biex wieħed isalva. Il-fidi fil-Bxara t-Tajba tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu mxandra mill-Knisja: *"Indmu u emmnu fl-Evanġelju"* (Mk 1, 15). *"Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat"* (Mk 16, 15-16). Hija fidi li trid tiġi msejsa fil-ferħ li wieħed jilqa' l-kelma ta' Alla, jifhimha u jħalliha tagħmel il-frott tal-fedeltà u l-perseveranza (Parabbola ta' dak li ħareġ jiżra' – Lq 8, 11-15). Hija fidi li trid tikber u li ma tiddgħajjifx bil-biża' fid-diffikultajiet tal-ħajja: *"Dan il-biża' kollu għalfejn, ja nies ta' fidi ċkejkna?... Bniedem ta' fidi żgħira, għaliex iddubitajt?"* (Mt 8, 26; 14, 31).

## San Pawl

Għal San Pawl il-fidi hija l-ewwel u qabel kollox li wieħed jilqa' x-xandira tal-Vanġelu li jsib il-qofol tiegħu fil-mewt u l-qawmien tal-Kristu. *"Aħna nemmnu tabilħaqq li Ġesù miet u qam mill-imwiet..."* (1Tess 4, 14). Il-fidi u l-istqarrija tagħha jmorru id f'id: *"Għax jekk inti tistqarr b'fommok, 'Ġesù hu l-Mulej', u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva... Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta?... Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu"* (Rum 10, 9. 14-15. 17).

Li temmen ifisser li tilqa' u tingħaqad mal-inizjattiva tal-grazzja ta' Alla li tingħatalna permezz ta' Kristu Ġesù u li tidher fl-eqqel tagħha fil-ġrajja tas-salib, li hija l-ġrajja tal-fidwa: *"...nemmnu f'dak li qajjem mill-imwiet lil Ġesù Sidna, li kien mogħti għall-mewt għal dnubietna, u mqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna"* (Rum 4, 24-25). *"U billi, fl-għerf ta' Alla, id-dinja b'għerfha ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bil-bluha tal-predikazzjoni. Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla"* (1Kor 1, 21-24).

Min jemmen jitlaqqam fil-ġrajja tas-salib, fl-għerf u l-qawwa ta' Alla, u jimxi fit-triq tal-ubbidjenza tal-fidi: *"Bih aħna rċevejna l-grazzja tal-appostolat biex inwasslu għall-ubbidjenza tal-fidi l-bnedmin fost il-ġnus kollha għall-ġieħ ta' ismu"* (Rum 1, 5).



San Pawl m'għandux dubji: il-fidi fi Kristu Ġesù biss tiġġustifika lill-midneb u toffrilu s-salvazzjoni. Mhumiex aktar neċessarji 'l-opri tal-liġi'; il-bniedem lanqas biss jista' jaħseb li jista' jsalva lilu nnifsu. Bil-fidi tiegħu l-bniedem jagħraf dan u jintelaq kompletament fl-inizjattiva tal-grazzja ta' Alla li jsalvah bil-mewt sagrifikali u l-qawmien ta' Kristu Ġesù: *"Jien ma nistħix mill-Evanġelju; għax l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu, l-ewwel il-Lhud u mbagħad il-Griegi, u fih tidher il-ġustizzja ta' Alla minn fidi għal fidi, skont ma hemm miktub: 'Il-ġust jgħix bil-fidi'"* (Rum 1, 16-17). Pawlu għalhekk seta' jistqarr lill-Galatin: "*…aħna wkoll emminna f'Ġesù Kristu, sabiex inkunu ġġustifikati bil-fidi fi Kristu u mhux bl-opri tal-Liġi, għaliex bl-opri tal-Liġi ebda bniedem ma jkun iġġustifikat… M'iniex inġib fix-xejn il-grazzja ta' Alla; għax kieku l-ġustifikazzjoni kellha tiġi mil-Liġi, Kristu kien ikun miet għalxejn*" (Gal 2, 15-16.21).

Ta' dan l-atteġġjament eżistenzjali Pawlu jġib lil Abraham bħala eżempju (ara: Rum 4). Jesprimi din il-verità li dehret ukoll fl-esperjenza tiegħu personali: *"Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu, il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi"* (Fil 3, 8-9).

Il-fidi, li hija l-aċċettazzjoni inizjali tal-Vanġelu, għal Pawlu trid tikber u tesprimi ruħha fil-ħajja ġdida tal-ispirtu u fl-imħabba. Għalhekk isellem lit-Tessalonkin hekk: *"Niftakru fil-ħidma li hi ġejja mill-fidi tagħkom u fit-taħbit li ħiereġ minn imħabbitkom; niftakru fil-qawwa tat-tama tagħkom f'Sidna Ġesù Kristu quddiem Alla Missierna"* (1Tess 1, 3).

## L-Atti tal-Appostli

'Il-Vanġelu tal-Ispirtu s-Santu', jiġifieri l-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, jixhed għat-tixrid tal-Bxara t-Tajba sal-ibgħad itruf tal-art. Juri l-ferħ ta' dawk li jilqgħu bil-fidi din il-Bxara, fidi li anke għal San Luqa *"tiġi mis-smigħ"* (Rum 10, 17). Dan jiġi kkonfermat minn Pietru waqt il-Konċilju ta' Ġerusalemm: *"Ħuti, intom tafu li sa mill-ewwel jiem Alla għażilni minn fostkom biex minn fommi l-pagani jisimgħu l-kelma tal-Evanġelju u jemmnu"* (Atti 15, 7). Espressivi wkoll huma rakkonti oħra fil-Ktieb tal-Atti, per eżempju, dak li jirrakkonta l-evanġelizzazzjoni tas-Samaritani minn Filippu (8, 12) u dik ta' Pawlu f'Korintu (18, 8).

Il-'Kristjani' (11, 26) huma dawk kollha li emmnu: *"Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom… il-kotra l-kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda. Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien"* (2, 44; 4, 32).

L-insara *"emmnu f'Ġesù, emmnu fil-Mulej"*: il-fidi hija mela għaqda sħiħa u personali ma' Ġesù, li miet u li qam minn bejn l-imwiet. Il-fidi hija t-triq li permezz tagħha l-bniedem jilqa' l-fidwa: *"Mela, ħuti, kunu afu dan: li permezz ta' Ġesù qiegħda tixxandrilkom il-maħfra tad-dnubiet; permezz tiegħu kull min jemmen ikun iġġustifikat minn dak kollu li minnu ma stajtux tkunu ġġustifikati bis-saħħa tal-Liġi ta' Mosè"* (13, 38-39). Hekk ġara lill-għassies tal-ħabs ta' Filippi: *"Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek. U ħabbrulu l-kelma tal-Mulej, lilu u lil dawk kollha li kienu f'daru…tgħammed hu u niesu kollha"* (16, 30-33).

## San Ġwann

Fil-Vanġelu skont San Ġwann il-bniedem huwa mistieden jemmen fil-Kelma ta' Ġesù, kelma li tirrivela il-misteru tal-persuna tiegħu, kelma mseddqa mis-sinjali u l-opri u kkonfermata mill-Iskrittura: *"Emmnuni! Jiena fil-Missier*



*u l-Missier huwa fija. Jekk mhux għal ħaġ̇ohra, emmnuni minħabba dawn l-opri stess"* (14, 11). Li tilqa' lix-xhieda ta' Ġesù jfisser li tilqgħu bħala dak li juri min hu l-Missier u temmen fl-identità tiegħu bħala l-mibgħut tal-Missier fid-dinja.

L-għaqda tad-dixxiplu f'Ġesù ifisser temmen f'ismu, temmen fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla, temmen fl-Iben ta' Alla, temmen f'Bin il-Bniedem, temmen fid-dawl (1, 12; 2, 11.23; 3, 8.36; 9, 35; 12, 36). *"Min jemmen fija ikun qiegħed jemmen mhux fija imma f'min bagħatni; u min jara lili jkun qiegħed jara lil min bagħatni"* (12, 44-45).

Id-dixxiplu li jilqa' lil Ġesù jemmen li hu l-qaddis ta' Alla, il-Kristu, l-Iben ta' Alla mibgħut mill-Missier, li ġej mill-Missier u li hu fil-Missier (6, 69; 11, 27, 17, 8.21; 14, 10). Il-fidi nnifisha hija don tal-Missier: *"Ħadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier li bagħatni ma jiġbdux lejja. U jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum. Hemm miktub fil-Profeti, 'U kulħadd ikun mgħallem minn Alla.' Mela kull min jisma' lill-Missier u jitgħallem minnu jiġi għandi"* (6, 44-45).

Hija fidi fl-Iben msallab li ssalva lill-bniedem: *"U kif Mosè rafa' s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem. Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem* (3, 14-16).

## L-Ittra lil-Lhud

Il-kapitlu ħdax tal-Ittra lil-Lhud ġie deskritt bħala enċiklopedija żgħira fuq il-fidi. Fl-ewwel vers, l-awtur sagru jagħti definizzjoni vera u proprja tal-fidi: *"Il-fidi hija pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx"* (v. 1). Mela l-fidi hija ċ-ċertezza tal-futur u r-ruħ u l-ħajja tagħha hija t-tama.

Il-vers 3 jqiegħed il-ħolqien bħala artiklu tal-fidi: *"Hu permezz tal-fidi li aħna nemmnu kif Alla ħoloq id-dinja bil-kelma tiegħu,hekk li minn dak li ma narawx sar dak li jidher"*.

Il-fidi ta' Abel, Ħenok u Noè tiġi espressa fl-ubbidjenza tagħhom għar-rieda ta' Alla (vv. 4-7). Hekk ukoll dik ta' Abraham fil-vers 8: *"Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla..."* F'Abraham, f'Iżakk u f'Ġakobb tispikka l-fidi mimlija fiduċja fil-wegħda tal-art u tan-nisel. Fiduċja u ubbidjenza li huma espressi bid-dieher meta Abraham jiġi mitlub joffri lil ibnu: *"Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham joffri 'l Iżakk meta Alla ġarrbu; u kien se joffri lil ibnu l-waħdieni sewwasew dak li kien ħa l-wegħdiet, ... Huwa fehem li Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt; u, fis-sens ta' tixbiha, ħadu tabilħaqq lura mill-mewt"* (vv. 17-19).

Fil-missirijiet tal-istorja tas-salvazzjoni l-fidi tidher bħala tama u fiduċja f'Alla. Xhieda li tgħaddi fuq l-insara li huma msejħin *"...b'qalbna qawwija niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna; inżommu għajnejna merfugħa fuq Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna"* (12, 1-2).



# IL-LHUD FL-EVANĠELJU SKONT SAN MATTEW (3)

***Rev. Dr Martin Micallef ofm cap***

F'din is-serje ta' tliet artikli qegħdin nippruvaw naraw kif l-Evanġelista San Mattew jitkellem fuq il-Lhud fin-narrativa tiegħu. Fl-ewwel parti rajna x'inhuma l-argumenti ewlenin li xi wħud mill-istudjużi jġibu sabiex juruna li meta nkiteb l-Evanġelju skont San Mattew, il-komunità nisranija li għaliha nkiteb dan l-Evanġelju, b'xi mod kienet inqatgħet mill-komunità



Lhudija jew mill-istrutturi ta' dak li issa kellu jibda jissejjaħ il-Ġudaiżmu.[1] Fit-tieni parti, imbagħad, ippreżentajna tliet parabboli li nsibu lejn l-aħħar ta' dan l-Evanġelju li jkomplu juruna l-konsegwenzi negattivi li kellhom iġarrbu dawk il-Lhud li baqgħu ma emmnux li Ġesù hu l-Messija.[2] F'din it-tielet parti, se nippruvaw nistaqsu jekk skont dan l-Evanġelista, huwiex Iżrael kollu li kien jinsab taħt it-theddida tal-ġudizzju ta' Alla jew inkella parti biss minn Iżrael, jiġifieri, il-mexxejja Reliġjużi Lhud li baqgħu ma emmnux f'Ġesù bħala l-Messija.

## Il-Folla

Meta nibdew naqraw l-Evanġelju skont San Mattew, ma nistgħux ma ninnutawx il-preżentazzjoni favorevoli tal-folla. Il-folla hija murija kollha entużjażmu għall-messaġġ ta' Ġesù, speċjalment fl-ewwel fażijiet tal-ħajja pubblika tiegħu. Meta iżda naslu għall-Kapiltu 21, San Mattew donnu jipprepara t-triq għall-għażla li l-folla kellha tagħmel meta niġu għax-xena tal-proċess ta' Ġesù quddiem Pilatu. Allura diġà fil-mument tal-arrest tiegħu, Ġesù jindirizza lill-'folol' bħala dawk li daru kontrih: "F'dik is-siegħa, Ġesù qal *lill-folol* [bil-Grieg: *tois oklois*] – kelma li nqabżet fit-Traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* - 'Qiskom ħriġtu għal xi ħalliel, armati bis-sjuf u bsaten biex taqbdu lili!'" (Mt 26,55).

Meta mbagħad naslu għall-proċess ta' Ġesù quddiem Pilatu, naqraw li l-qassisin il-kbar u x-xjuħ dawru l-folla favur tagħhom hekk kif dawn talbu l-ħelsien ta' Barabba u l-mewt ta' Ġesù (Mt 27,15-23). Bosta huma l-punti li ma rridux inħalluhom jaqbżulna f'din ix-xena. L-ewwel, filwaqt li l-qassisin il-kbar u x-xjuħ huma fuq in-naħa ta' Barabba, min-naħa l-oħra, Alla nnifsu jintervjeni favur Ġesù u jiddikjarah "raġel ġust" (v.19) permezz tal-ħolma tal-mara ta' Pilatu. Fil-fatt, il-ħolm, motif użat spiss f'dan l-Evanġelju, iservi biex permezz tiegħu l-Mulej Alla juri r-rieda tiegħu.[3]

It-tieni, fil-v.25 naqraw kif "il-poplu kollu qabeż u qal: 'Demmu fuqna u fuq uliedna!'" F'dan il-vers, San Mattew ma jużax l-istess kelma bil-Grieg li ssoltu

juża għal meta jirreferi għall-folla, jiġifieri, l-kelma *oklos*. Minflok meta jikteb: "*il-poplu* kollu qabeż u qal…" San Mattew juża l-kelma bil-Grieg: *laos*. Ħafna drabi San Mattew juża din il-kelma b'referenza speċjali għal Iżrael bħala l-'poplu ta' Alla'.[4] Meta nqisu dan, mela, naraw li f'kuntrast ma' Pilatu, il-Gvernatur Pagan li ħasel idejh, il-poplu [ta' Alla] / *laos* jiddikjara l-aċċettazzjoni tar-responsabblilità għall-mewt ta' Ġesù. Fil-fatt, ħafna Kummentarji fuq dan l-Evanġelju jinterpretaw il-v.25 bħala turija li l-poplu kollu ta' Iżrael, il-poplu l-magħżul ta' Alla, ingħaqad biex jieħu fuqu l-ħtija tal-mewt ta' Ġesù.[5]

Id-dikjarazzjoni tal-folla quddiem Pilatu hija enfasizzata bl-attribuzzjoni tal-espressjoni "il-poplu kollu" li hija waħda enfatika. Dan juri li ma kinux biss il-qassisin il-kbar u x-xjuħ, imma l-poplu kollu li ħa r-responsabbilità tal-mewt ta' Ġesù. Dan narawh diġà fil-v.22 fejn il-folla tgħid lil Pilatu x'għandu jsir minn Ġesù: "Weġbuh ilkoll: 'Sallbu!'" L-użu tal-kelma 'ilkoll' [bil-Grieg: *pantes*] hawnhekk, tenfasizza li din kienet l-għażla tal-folla kollha, jew tal-Lhud kollha preżenti, jiġifieri, kemm tal-Kapijiet kif ukoll tal-poplu. Anke l-forma grammatikali tat-tweġiba tagħhom li hija imperattiv passiv tagħti l-impressjoni li l-folla stess qed tgħaddi l-ġudizzju tagħha fuq Ġesù.[6] Imma aktar minn hekk, meta nerġgħu niġu għall-v.27, San Mattew jenfasizza din ir-responsabbililtà tal-folla bl-estensjoni tal-kliem "fuq uliedna" - "demmu fuqna u fuq uliedna".[7]

It-tielet ħaġa li rridu ninnutaw hija l-enfasi li San Mattew iqiegħed fuq l-għażla li kellha ssir bejn Ġesù u Barabba u fuq il-kuntrast bejn iż-żewġ persuni. Għalkemm San Mark jikteb: "Tridux nitilqilkom is-sultan tal-Lhud?" (Mk 15,9), San Mattew jagħmel l-għażla aktar espliċità: "Lil min triduni nitilqilkom, lil Barabba jew lil Ġesù li jgħidulu l-*Messija* [bil-Grieg: *Kristos*]?" (Mt 27,17). F'San Mattew, mela, l-għażla hija bejn priġunier magħruf u l-Kristu [il-Messija]. It-titlu ta' Messija huwa wieħed importanti għal dan l-Evanġelista kif jidher sa mill-bidu nett tal-Evanġelju, fejn dan it-titlu jitqiegħed fuq l-istess livell ta' 'Bin David' (1,1) u 'Sultan tal-Lhud' (2,1-12), żewġ titli b'konnotazzjoni politika. Wara dan, it-titlu 'Messija/Kristu' mhuwiex użat sal-Kapitlu 11, fejn hawnhekk hu redefinit f'termini ta' xi ħadd li jfejjaq u jsalva.[8] F'16,16 Pietru jagħraf li Ġesù mhuwiex biss 'il-Messija/Kristu' imma wkoll "Bin Alla l-ħaj." Minn issa 'l quddiem, Ġesù jibda jkellem lid-dixxipli tiegħu fuq it-tbatija u l-mewt tiegħu.[9] Meta mbagħad niġu għax-xena tal-proċess ta' Ġesù quddiem Pilatu, mela, il-folla kollha jew aħjar il-poplu ta' Alla li kien ilu tant jistenna lill-Messija, talab li l-Messija jiġi msallab.

## Il-Poplu l-Ġdid ta' Alla

Ma nkunux żbaljati jekk ngħidu li kien proprju Mt 27,25



"u l-poplu kollu qabeż u qal: 'Demmu fuqna u fuq uliedna'", aktar minn kull vers ieħor, li serva ta' bażi għar-reputazzjoni tal-anti-Ġudaiżmu ta' San Mattew. Mhux biss, imma kien dan l-istess vers li ntuża matul is-sekli biex jiġġustifika persekuzzjoni nisranija kontra l-Lhud. Imma mqar hawnhekk, dak li jidher bħala l-anti-Ġudaiżmu ta' San Mattew irridu nippruvaw neżaminawh b'aktar attenzjoni mis-soltu kritika li jagħtu bosta studjużi ta' dan l-Evanġelju.

Il-qawwa negattiva tal-espressjoni "il-poplu kollu" f'27,25 hija unika f'San Mattew. B'danakollu din l-espressjoni hija b'xi mod ippreżentata f'paralleliżmu ma' dak li nsibu f'13,15: "Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset; kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom, u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħhom, u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom." Hekk ukoll, f'15,8 naqraw: "Dan il-poplu bix-xofftejn biss jagħtini ġieħ, imma qalbhom hija 'l bogħod minni."

Dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet meħudin minn Isaija (13,15 = Isa 6,10; 15,8 = Isa 29,13), jagħtuna indikazzjoni li r-referenzi negattivi l-oħra għall-'poplu' fl-Evanġelju skont San Mattew jappartjenu għall-kategoriji tal-polemiċi u t-twissijiet profetiċi. Mhux biss, imma dawn l-istess referenzi rridu nippruvaw narawhom ukoll fid-dawl ta' referenzi oħra għall-poplu fl-istess Evanġelju li jġorru magħhom ton pożittiv. Hekk, per eżempju, f'Mt 1,21 naqraw: "għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom." Hekk ukoll, f'4,23: "U dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi tagħhom, ixandar l-Evanġelju tas-Saltna, u jfejjaq kull xorta ta' mard u dgħufija fost il-poplu." F'26,5 imbagħad naqraw kif il-qassisin il-kbar iddeċidew li jarrestaw lil Ġesù "mhux fil-festa, li ma tinqalax xi rewwixta fil-poplu."

Imma l-aktar referenza li forsi tolqotna hija dik li nsibu f'27,63 fejn naqraw kif il-qassisin il-kbar u l-Fariżej talbu lil Pilatu sabiex iħares il-qabar ta' Ġesù li ma jmorrux id-dixxipli jisirqu l-ġisem tiegħu u "jgħidu lill-poplu 'Qam mill-imwiet,' u hekk il-qerq tal-aħħar ikun agħar minn tal-ewwel." Din ir-referenza turi li mqar wara r-referenza negattiva għall-'poplu,' li f'27,25 talab li l-Messija jiġi msallab, San Mattew xorta waħda kien għadu qed ibexxaq u mhux jagħlaq il-bieb favur il-poplu.[10] Dan kien l-istess poplu li issa donnu kien jinsab f'kompetizzjoni bejn mal-Fariżej min-naħa, u dawk li kellhom ixandru l-messaġġ tal-qawmien ta' Ġesù min-naħa l-oħra.

Fid-dawl ta' dan kollu, mela, jidher li Iżrael tat-Testment il-Qadim, issa kien qed isib il-milja tiegħu fil-poplu l-ġdid ta' Alla, il-Knisja, li tinkludi fiha kemm Pagani kif ukoll Lhud li emmnu f'Ġesù bħala l-Messija.

## Il-Pagani

Fil-fatt, tajjeb ninnutaw kif minkejja li l-Evanġelju skont San Mattew għandu xejra jew togħma qawwija Lhudija, b'danakollu dan l-istess Evanġelju għandu wkoll ħarsa pożittiva fuq il-pagani. Hekk, per eżempju, is-sentenza li biha jiftaħ dan l-Evanġelju tiddeskrivi lil Ġesù mhux sempliċiment bħala 'bin David,' imma wkoll bħala 'bin Abraham' (Mt 1,1) li fih kellhom jitbierku l-ġenerazzjonijiet kollha. Hekk ukoll fil-kumplament tal-ġeneoloġija, ninnutaw li jissemmew erba' nisa 'pagani' bħala l-antenati ta' Ġesù: Tamar, Raħab, Rut u l-mara ta' Urija.

In-narrativa tat-twelid ta' Ġesù wkoll tirrifletti dan l-aspett pożittiv lejn il-Pagani. San Mattew, jagħti importanza lil din it-tema meta jirrakkonta kif l-ewwel persuni li taw qima lil dak li twieled 'sultan tal-Lhud' ma kinux il-Lhud jew il-mexxejja reliġjużi tagħhom. Minflok, dawn kienu nies pagani li ġew mil-Lvant (Mt 2,1-12), l-istess kif żmien qabel kienet għamlet is-Sultana ta' Saba li waslet għand bin David bi kwantità ta' deheb, ħwawar u ħaġar prezzjuż (ara 1 Slat 10,1.10).

Imbagħad għandna wkoll l-episodju tal-ħarba tal-familja mqaddsa lejn l-Eġittu wara li Erodi ordna li jinqatlu t-tfal subien taħt is-sentejn (ara Mt 2,13-18). Wara li l-istess familja tirritorna fl-art ta' Iżrael (ara Mt 2,19-23), in-narrativa teħodna direttament fil-ministeru ta' Ġesù li nfirex barra territorju Lhudi, u allura f'territorju pagan, sas-Sirja u d-Dekapoli (4,24-25). Mhux biss, imma l-għażla ta' dan it-territorju għall-ministeru ta' Ġesù hija konxjament magħżula minn San Mattew sabiex tkun "Galilija tal-ġnus!" (4,15).

Meta mbagħad niġu għar-rakkonti tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù, naqraw kif suldat pagan jistqarr lil Ġesù: "Dan kien tassew Bin Alla!" (27,54). Ir-rakkonti tal-Maġi, mela, li waslu mill-bogħod biex jaduraw lil Ġesù wara t-twelid tiegħu (2,1-12) u s-suldati taħt is-salib ta' Ġesù li jagħrfu min kien, hekk kif huwa miet (27,54), iservu bħala 'ftuħ' u 'għeluq' jew *'brackets'* għan-narrativa tal-ħajja ta' Ġesù. Kemm il-Maġi kif ukoll is-suldati huma Pagani u barranin għall-poplu ta' Iżrael. B'danakollu, San Mattew jippreżentahom it-tnejn li huma f'kuntrast mal-awtoritajiet reliġjużi Lhud li naqsu milli jmorru jaraw fejn twieled il-Messija, minkejja li kienu jafu fejn. Mhux biss, imma wkoll aktar tard huma fittxew li jagħmlu dak li Erodi ma rnexxilux jagħmel, jiġifieri li joqtlu lis-'Sultan tal-Lhud.'

B'dan f'moħħna mela nistgħu nifhmu aħjar il-parabboli li nsibu fil-kapitli 21-22 fejn Ġesù jitkellem fuq kif "is-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lill-ġens li jagħmel il-frott minnha" (21,43) u fuq li kif il-mistednin magħżula għall-festa tat-tieġ ta' bin is-sultan tilfu din l-istedina biex din ingħatat kemm għall-"ħżiena u t-tajba" (22,10). Permezz ta' dawn il-parabboli, San Mattew kien mela qed jurina li l-barkiet li kienu mogħtijin biss lil Iżrael, issa kienu qed jgħaddu wkoll għall-persuni oħra li emmnu f'Ġesù bħala l-Messija.

Fil-fatt, għalkemm fuq ix-xewqa ta' Ġesù stess, l-ewwel missjoni tad-dixxipli kienet waħda ristretta għal Iżrael (ara 10,5), din l-istess missjoni ma kellhiex iddum ma tinbidel għal waħda universali kif naqraw f'24,14: "Dan l-Evanġelju tas-Saltna



jixxandar fid-dinja kollha, biex il-ġnus kollha jkollhom xhieda." Hekk ukoll naqraw fl-aħħar tal-istess Evanġelju, fejn qabel jitla' s-sema, Ġesù jordna lid-dixxipli: "morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha" (27,19).

Referenzi bħal dawn juruna li għall-Evanġelista San Mattew, il-Pagani li emmnu f'Ġesù issa kienu jinsabu fuq l-istess livell li kellhom il-Lhud, jew aħjar il-poplu ta' Alla.[11] Meta nqisu dan kollu, irridu mela nistaqsu kemm tassew nistgħu nakkużaw lil San Mattew bir-responsabbilità ta' anti-Ġudaiżmu?

## Ċirkustanzi Storiċi

Xi studjużi jżommu li l-polemika ħarxa kontra l-Lhud li nsibu fl-Evanġelju ta' San Mattew għandna nippruvaw nifhmuha – u forsi wkoll niskużawha – fid-dawl taċ-ċirkustanzi storiċi li fih inkiteb dan l-Evanġelju, jiġifieri, immedjatament wara perjodu ta' żmien li fih kien hemm ostilità kbira bejn il-komunità nisranija li għaliha huwa indirizzat dan l-Evanġelju u s-sinagoga, ostilità li waslet għall-firda bejn iż-żewġ komunitajiet. L-Evanġelista San Mattew u l-insara li għalihom kien qed jikteb kienu għadhom qed jirkupraw minn din il-firda jew trawma jekk nistgħu nsejħulha hekk.[12]

Huwa għalhekk li San Mattew jurina kif il-falliment ta' ħafna mill-poplu ta' Alla li ma weġbux b'mod pożittiv għall-inizjattiva ta' Alla meta dan bagħat lil Ibnu Ġesù, jirrifletti fallimenti oħra tal-istess poplu li naqraw fuqhom fit-Testment il-Qadim. Imma din id-darba kien hemm dimensjoni akbar f'dan il-falliment, għaliex issa kien il-Messija stess li huma kienu ċaħdu. Minħabba f'hekk Iżrael, bħala l-poplu ta' Alla, kien tilef il-post privileġġjat li kellu. Dan il-post issa għadda għall-Knisja. Filwaqt li ngħidu dan, iżda, irridu nżommu f'moħħna illi l-Lhud, kemm bħala individwi kif ukoll bħala komunità, ma kellhomx jibqgħu mċaħħda mill-opportunità li jsalvaw, kemm-il darba jkunu kienu lesti li jemmnu f'Ġesù, u allura jsiru parti mill-*ekklesia*, il-knisja tiegħu.

Fid-dawl ta' dan kollu, mela, li nsejħu lill-Evanġelju jew lill-Evanġelista San Mattew anti-Semitiku ikun verdett aħrax. Interpretazzjoni bħal din ittellifna l-għan li għalih inkiteb dan l-Evanġelju. L-Evanġelju ta' San Mattew mhuwiex Evanġelju kontra l-Lhud, iżda Evanġelju għall-knisja, sabiex jgħallem lid-dixxipli permezz tal-mod kif il-Lhud ġabu ruħhom ma' Ġesù. Aktar minn hekk, il-konvinzjonijiet teoloġiċi ta' San Mattew għall-falliment ta' Iżrael mhumiex frott ta' xi mibegħda personali jew xi xewqa ta' tpattija. Dan joħroġ tajjeb mit-tagħlim qawwi li nsibu f'dan l-Evanġelju dwar l-imħabba u l-maħfra tal-għedewwa, speċjalment fid-Diskors tal-Muntanja.

Għalhekk filwaqt li b'sogħba ngħidu li kien hemm drabi meta dan l-Evanġelju ntuża b'mod ħażin bħala arma ta' preġudizzju jekk mhux ukoll bħala mezz ta' persekuzzjoni kontra l-Lhud, dan ma jidhirx li kien l-intenzjoni ta' San Mattew meta huwa kiteb l-Evanġelju tiegħu. Dan l-Evanġelista jagħtina biss ir-rakkont tal-għażla ħażina li ħafna minn Iżrael għamlu u l-konsegwenzi diżastrużi li ġabet magħha din l-għażla fir-rigward tal-post li l-poplu ta' Alla kellu fil-pjan ta' salvazzjoni.

## Konklużjoni

Dawk kollha li huma involuti fid-djalogu bejn l-Insara u l-Lhud llum, iridu mela jieħdu b'aktar serjetà l-istudju tal-Evanġelju skont San Mattew. Dan l-Evanġelju jfakkarna fil-bżonn ta' studju xjentifiku-storiku sabiex napprezzaw aktar il-messaġġ tat-Testment il-Ġdid.[13] Mingħajr attenzjoni għall-isfond storiku li fih inkiteb dan l-Evanġelju, San Mattew faċilment isir test perikoluż li jwassal għal sentimenti ta' anti-semitiżmu. Bil-kuntrarju, iżda, l-istudju storiku ta' dan l-Evanġelju jgħinna naraw kif dan l-Evanġelju jqiegħed lil Ġesù u lill-ewlenin insara fil-qalba tat-tradizzjoni Lhudija.

Bħala konklużjoni, mela, aħna nżommu li l-Evanġelju skont San Mattew, għalkemm

jista' jinħass aħrax fit-ton polemikuż li juża meta jitkellem fuq il-Lhud, madankollu dan mhuwiex Evanġelju anti-Semitiku. Għall-kuntrarju, dan hu Evanġelju mimli kompassjoni imma li fl-istess ħin jagħmel ukoll appell qawwi għal dawk il-Lhud li kienu għadhom ma emmnux f'Ġesù bħala l-Messija sabiex jagħrfu l-iżball tagħhom.

## Referenzi


1 Ara Martin Micallef, *Il-Lhud Fl-Evanġelju skont San Mattew (1),* f'*L-Art Imqaddsa, Rivista Biblika*, 175 (Jannar-Marzu 2012) 30-35.

2 Ara Martin Micallef, *Il-Lhud Fl-Evanġelju skont San Mattew (2),* f'*L-Art Imqaddsa, Rivista Biblika*, 176 (April-Ġunju 2012) 28-34.

3 Ara Mt 1,20-21; 2,12.13.19-20. Il-ħolm huwa wieħed mill-modi kif Alla jikkomunika mal-bniedem fit-Testment il-Qadim. Ara, J. M. Everts, *Dreams,* in *Anchor Bible Dictionary,* ed. D. N. Freedman, New York-London 1992, vol. II, 231f.

4 Ara Mt 1,21 "għax hu jsalva l-*poplu* [bil-Grieg: *laos*] tiegħu minn dnubiethom"; ara wkoll Mt 2,6: "U Int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa *l-poplu* [bil-Grieg: *laos*] tiegħi Iżrael."

5 Ara, per eżempju, R. H. Gundry, *Matthew, A Commentary on his Literary and Theological Art,* Grand Rapids 1982, 565; F. W. Beare, *The Gospel According to Matthew,* Oxford 1981, 531.

6 Fuq dan, ara Helen K. Bond, *Ponzio Pilato, Storia e interpretazione*, Brescia 2008, 180.

7 Għall-isfond bibliku ta' din l-espressjoni ara d-diskussjoni f' H. Kosmala, *His Blood on Us and on Our Children" (The Background of Matt 27,24-25),* in *Annual of the Swedish Theological Institute* 7, Leiden 1970, 94-126.

8 Ara b'mod speċjali, Mt 11,2-6 fejn Ġesù jikkwota lil Isaija 35,5-6; 61,1.

9 Ara Mt 16,21-22. Fuq it-tifsira tat-titlu "Kristu" jew "Messija" fl-Evanġelju skont San Mattew, ara, J. D. Kingsbury, *Matthew, Structure, Christology, Kingdom,* London 1976, 96f.

10 B'danakollu hemm numru ta' studjużi li jżommu pożizzjoni opposta, jiġifieri, li San Mattew kien qed jagħlaq il-bibien għal kollox għall-poplu ta' Iżrael. Ara, per eżempju, D. Hare – D. Harrington, "'Make Disciples of All the Gentiles' (Matt 28:19)", in *Catholic Biblical Quarterly* 37 (1975) 359-369. Kontra dan l-artiklu iżda ara, J. Meier, "Gentiles or Nations in Matt 28:19"? in *Catholic Biblical Quarterly* 39 (1977) 94-102.

11 Għal studju sistematiku fuq it-tema tal-pagani fl-Evanġelju skont San Mattew, ara, David C. Sim, *The Gospel of Matthew and Christian Judaism, The History and Social Setting of the Matthean Community,* Edinburgh 1998, 215-256.

12 Fuq dan il-punt kompli ara d-diskussjoni, f' Ulrich Luz, *Anti-Judaism in the Gospel of Matthew as a Historical and Theological Problem: An Outline,* in *Studies in Matthew,* Grand Rapids/MI 2005, 243-261.

13 Din hija wkoll il-pożizzjoni tal-Knisja f'wieħed mill-aħħar Dokumenti uffiċjali tagħha. Ara, The Pontifical Biblical Commission, *The Jewish People and their Sacred Scriptures in the Christian Bible,* Vatican 2002.



# KIF GĦANDNA NAQRAW IL-FIGURA TA' MARIJA FL-ISKRITTURA

*Rev. Dr Paul Sciberras*

Fil-Bibbja ma nsibu l-ebda trattat teoloġiku dwar l-ebda suġġett. Ma nsibu l-ebda ktieb jew parti minn ktieb li jagħtuna xi tagħlim miġbur fuq Alla jew fuq Ġesù Kristu jew fuq il-Knisja jew id-dnub jew il-grazzja u s-salvazzjoni. Nistgħu nfittxu l-Bibbja kollha għax mhux se nsibu xi spjegazzjoni fuq il-Madonna.

Kull awtur tal-Bibbja kiteb għal komunità differenti bi skop differenti: imma ma kitibx kronaka jew raportaġ ta' ġrajjiet jew diskorsi ta' xi ħadd. L-awturi tal-Bibbja kollha kitbu biex ifissru kif il-ġrajjiet li kienet għaddejja minnhom il-komunità li lilha kienu qed jindirizzaw bil-kitba tagħhom setgħu jiddawlu mill-fidi f'Alla tal-istess komunità. Billi l-ġrajjiet u l-komunitajiet kienu differenti, allura l-bżonnijiet tal-fidi kienu wkoll differenti.

Meta nitkellmu fuq Marija, qisu dejjem nitkellmu fuq il-misteru tagħha. U jekk irridu nfittxu x'jgħid Alla nnifsu fuq il-misteru tagħha, ma għandniex mod aħjar mill-Kelma tiegħu. U hu ried li jħallilna l-Kelma tiegħu mhux biss f'forma ta' tradizzjonijiet mgħoddija bil-fomm minn ġenerazzjoni għal oħra. Ried ukoll li kelmtu titniżżel bil-kitba fi kliem il-bnedmin. Allura anke jekk il-Bibbja hija ktieb tal-fidi, imma ma tistax tgħid xejn iktar jew xejn differenti minn dak li jgħidu fil-fatt il-kelmiet fil-kuntest li fih inkitbu li bihom hija espressa l-fidi li hemm fiha.

Jekk, ngħidu aħna, Mk 6,3 jitkellem fuq l-aħwa subien u bniet ta' Ġesù u juża l-kliem bil-Grieg għal aħwa subien u bniet (*adelfoi* u *adelfai*), li fil-Grieg (jekk mhemmx xi preċiżazzjoni partikulari jew kuntestwali) ifissru aħwa fil-ġisem, propjament ma għandniex infittxu tifsir ieħor jekk dik it-tifsira toqgħod tajjeb fil-kuntest. Allura ma għandniex ngħidu mill-ewwel li dawk ma kinux aħwa bijoloġiċi ta' Ġesù għax nemmnu li Marija hija verġni qabel u wara t-twelid. Irridu naraw l-ewwel x'tgħidilna l-Iskrittura dwar dan. Kieku, ngħidu aħna, Ġesù kellu aħwa naturali, ma kienx se jħalli lil Ommu f'idejn id-Dixxiplu li kien iħobb. Mela l-ewwel naraw sewwa x'qed jgħid it-test Bibliku, u mbagħad nagħmlu *statements* teoloġiċi.

## Minn fejn nibdew?

Nibdew mill-ewwel kitba li għandna: l-Ittri ta' San Pawl, li nkitbu qabel l-Evanġelji. 1 Tessalonkin inkitbet fis-sena 51 w.K. minn Korintu; Galatin f'xi 65 w.K.; Mark fis-sena 65 w.K. u Mattew fis-sena 85-90 w.K.

F'Galatin 4,4: "Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi".

Hija l-iqsar storja tal-Milied li jista' jkollna; l-istorja bid-dettalji biss li għandna bżonn; dawk l-iktar essenzjali. Imma għax huma l-ewwel dettalji tal-misteru tal-inkarnazzjoni fit-Testment il-Ġdid, irridu ngħidu li huma l-iktar dettalji ġenwini. Ġesù huwa bniedem bħal kull bniedem ieħor (bħala bniedem) suġġett għal-liġijiet tal-ħajja tal-bnedmin u tas-soċjetà tal-bnedmin. Ommu hija wkoll bniedma bħall-oħrajn.

Imbagħad jiġu d-dettalji fil-ftit drabi qosra li jagħtuna ħjiel ta' Ġesù fil-ħajja pubblika tiegħu. L-ewwel ħjiel huwa dak tal-episodju ta' Nazaret fejn Omm Ġesù hija msemmija ma'

Ġużeppi, u ħut Ġesù, subien u bniet. "Dan mhuwiex il-mastrudaxxa, bin Marija, u ħu Ġakbu u Ġożè u Ġuda u Xmun? U ħutu l-bniet mhumiex hawn magħna?", jistaqsu n-nies ta' Nazaret f'Mark 6,3.

Mattew 13,55-56: "Dan mhuwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu mhijiex dik li jisimha Marija, u ħutu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda? U ħutu l-bniet mhumiex kollha magħna?" u Luqa 4,22: "Dan mhuwiex bin Ġużeppi?". Għalkemm jixtiebhu ħafna ma' Mark, Mattew u Luqa jmorru mill-ewwel għal dak li kien aċċettat mill-bidu: Ġużeppi meta ħa lil Marija b'martu, ħa wkoll lil Ġesù bħala ibnu legali. Quddiem il-liġi, Ġesù kien iben Ġużeppi f'kull dettall tad-drittijiet u dmirijiet quddiem is-soċjetà. L-evanġelista Ġwanni iżid xi dettalji biex jgħaqqad dawn il-ħjiel mal-kuntest tal-Iskrittura fit-Testment il-Qadim: "Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-Liġi, u l-profeti fil-kotba tagħhom: Ġesù minn Nazaret, bin Ġużeppi" (1,45), u "Dan mhuwiex Ġesù bin Ġużeppi? Lil missieru u 'l ommu ma nafuhomx?" (6,42). L-istess bħal Mattew u Luqa, Ġwanni jieħu l-fatt tal-adozzjoni legali ta' Ġesù minn Ġużeppi bħala fatt.

Episodju ieħor fejn tissemma Marija, Omm Ġesù, huwa Mark 3,21. Ommu u ħutu jmorru biex iwaqqfu u jieħdu



magħhom lil Ġesù għax ħasbuh tilef rasu. It-tweġiba ta' Ġesù f'dan l-episodju tista' tkun problema: "Dawn, ara, huma ommi u ħuti. Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi" (Mk 3,34-35 // Mt 12,49; Lq 8,21). Luqa għandu episodju ieħor fejn Ġesù jagħti tweġiba tixbah lil ta' qabilha imma f'ċirkostanza differenti. Ikun hemm mara qalb il-folla li għolliet leħinha u qaltlu: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!" U Ġesù jweġibha: "Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha!" (Lq 11,27-28).

Dawn l-episodji tal-aħħar juru lil Ġesù mhux iwarrab lil Marija bħala ommu naturali, bijoloġika, imma jdaħħalha wkoll bħala ommu fil-fidi u d-dixxipulat;



jagħmilha ommu f'kull sens li tista' tkun ommu: ommu b'mod naturali, tal-ħajja ta' bniedem, imma wkoll dik li tnissel lil Ġesù fil-fidi, naturalment fid-dixxipli tiegħu.

Sa hawnhekk, dak li jista' jingħad fuq Marija huwa bħal dak li jista' jingħad fuq Ġesù nnifsu: tibda kważi anonima, jekk mhux mix-xejn, bħal Ġesù. F'Nazaret ħadd ma jaf xejn fuqha ħlief l-isem. Ma għandhiex familja (razza magħrufa), ma għandhiex xi axxendent ta' dinastija, xi glorji li bihom tista' tiftaħar jew li jpoġġuha 'l fuq fis-soċjetà. Tagħmel parti minn familja ta' ħaddiema komuni, bħalma hu Ġużeppi u Ġesù nnifsu. Bħal kull familja oħra dak iż-żmien, kellha *extended family* wiesgħa.

L-għażla ta' Alla waqgħet fuqha, bħalma darba kienet waqgħet fuq ragħaj (Sawl u David), fuq ragħaj li jiżbor il-ġummajż (Għamos), fuq bniedem tal-kampanja minn Għanatot (Ġeremija). San Pawl jgħid: "Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'il dawk li huma xi ħaġa" (1 Kor 1,27-28). Hekk ukoll ikkunsidrat lilha nnifisha Marija, skont il-kliem li qiegħed fuq fommha l-awtur u evanġelista Luqa fil-Manifikat: "għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu" (1,48).

Il-predikazzjoni tal-Appostli jidher li waqfet hawnhekk fuq dan l-ewwel kwadru Marjoloġiku. Għal xi 40 jew 50 sena, għall-ewwel ġenerazzjoni Kristjana ma kien hemm xejn iktar x'tiftakar u xi tfakkar fuq l-omm ta' Ġesù.

Il-predikazzjoni tal-Appostli fil-Kérigma wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema tatna dan l-ewwel ħjiel dwar Marija: f'rabta unika ma' Ġesù u l-missjoni tiegħu. X'ġara wara l-Appostli, meta bdiet il-katekezi u l-kitba tal-evanġelji u wara? Qegħdin għall-ħabta tas-snin 85 – 100 w.K. u wara.

Il-Knisja, l-insara ta' wara l-Appostli, bdiet tagħmel riflessjoni fuq il-misteri ta' Kristu b'mod iktar personali, b'mod li ma jiddependix biss f'illi twassal lill-insara l-esperjenza propja ta' żmien Ġesù u eżatt wara. Il-Knisja bdiet tagħmel riflessjoni iktar wiesgħa u applikata

għal sitwazzjonijiet għal kollox differenti minn dawk ta' Ġesù u tal-ewwel dixxipli. Fost l-oħrajn kienet riflessjoni fuq il-misteri ta' Ġesù f'postijiet u kulturi għalkollox differenti minn dawk tal-Palestina, imma fid-Djaspora, f'kultura ħafna iżjed Ellenizzata, Griega.

Il-figura u l-missjoni ta' Ġesù kienet issa b'xi mod stabbilita. Allura r-riflessjoni li bdiet issir wara l-Appostli bdiet iddur mhux biss fuq Ġesù imma wkoll fuq dawk ta' madwaru: l-Appostli, u speċjalment ommu Marija. Kien iż-żmien meta bdew jinġabru u jinkitbu t-tradizzjonijiet tat-twelid u t-tfulija ta' Ġesù. Ninnutaw li San Pawl u l-Evanġelista Mark ma jsemmu xejn xejn dwar it-twelid u t-tfulija (San Pawl lanqas isemmi l-ministeru pubbliku ta' Ġesù!). Kienu biss Mattew u Luqa – u b'xi mod Ġwanni - li għandhom dettalji bħal dawn.

Allura niltaqgħu mad-dettalji fir-rakkonti ta' Mattew 1-2; Luqa 1-2; Ġwanni 2,1-12; 19,25-27. Ir-rakkonti fi Ġwanni huma r-rakkonti tat-Tieġ ta' Kana u Omm Ġesù wieqfa ħdejn is-salib. Ninnutaw li f'dan l-Evanġelju, anke jekk nafu li Omm Ġesù hija Marija, imma l-Evanġelista ma jsemmihiex b'isimha imma jagħtiha referenza spiritwali: "Mara" u "Omm Ġesù".

Nistgħu forsi ninkludu d-dettalji ta' referenza għall-Mara/Marija f'Atti 1,14 (Marija fiċ-Ċenaklu mal-Appostli u d-dixxipli jistennew il-miġja tal-Ispirtu s-Santu) u Apokalissi 12,1-17 (il-Mara liebsa x-xemx bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha li tagħti t-twelid fl-uġigħ tal-ħlas).

Issa meta naqraw dawn ir-referenzi, irridu nagħmlu attenzjoni kbira għall-intenzjoni tal-awturi li daħħluhom fil-kitbiet tagħhom. L-awturi – nerġgħu ngħidu wara l-kérigma tal-Appostli – ma ridux jagħtu iżjed dettalji bijografiċi jew rakkonti imma riflessjonijiet teoloġiċi mlibbsa f'dawn ir-referenzi. Ċari ħafna d-dettalji ta' Mara u Omm Ġesù fi Ġwanni; il-Mara fl-Apokalissi, u s-sehem ta' Marija fit-taħbiriet tat-twelid u fit-twelid ta' Ġesù nnifsu.

Huwa biss wara li Ġesù ġie aċċettat u kien jiġi meqjum bħala Mulej, Sid, Iben ta' Alla, *il-*Messija … li bdew jiġu mfittxija aktar tard ukoll l-għeruq umani tiegħu: it-twelid, il-familja, u t-tfulija tiegħu.

Minħabba li l-insara ta' dan l-*istage* ma kinux jafu lil Ġesù jew lil dawk li għexu miegħu – aktarx lanqas l-ambjent u l-lingwa li biha kien jitkellem – allura d-dettalji u r-referenzi kienu jittieħdu mill-Iskrittura, naturalment mit-Testment il-Qadim (li l-istudji juru li kienet fil-verżjoni tagħha bil-Grieg tas-LXX; allura fl-ilsien tant differenti mil-Lhudi li bih inkiteb it- Testment il-Qadim). Din l-għajn għal referenzi dwar Ġesù – moqrija u applikati b'*hindsight* – kienet meqjusa l-unika għajn żgura u awtorevoli, għax ir-referenzi l-oħra kienu meqjusa bħal dawk li bdew jiżdiedu fl-evanġelji u



l-kitbiet apokrifi. Ir-rakkonti u l-kitbiet tat-TQ li kienu jintużaw fit-Testment il-Ġdid ukoll bdew jiġu riferuti għal Omm Ġesù.

Paradossalment, il-Marjoloġija tat-Testment il-Qadim (jekk nistgħu nużaw din il-frażi) twieldet mit-Testment il-Ġdid. L-esperjenzi u r-riflessjonijiet fit-Testment il-Ġdid u wara, bdew jinqraw anke fid-dawl tat-Testment il-Qadim. Allura l-awtur ta' Mattew 1-2 skopra r-referenza Marjana ta' Iżaija 7,14: "Ara, ix-xebba ssir omm u jkollha iben". Luqa jaqbad tipoloġija fil-"Bint Sijon", fl-għamara ta' Alla, l-Arka tal-Patt. Ġwanni jirreferi għall-mara tal-Ġenesi 3,15; 4,1, tipoloġija li almenu b'mod eminenti ssib it-twettiq f'Marija.

Il-figura ta' Marija f'dan it-tieni *stage* tiddawwal u tirrivela ruħha fid-dawl tal-Iben u tal-Iskrittura, fuq il-passi tan-nisa l-kbar (matrijarki) sterili li jsiru ommijiet bl-intervent ta' Alla:

Sara (Ġen 18,9-15); Rakel (Ġen 30,1-22), omm Sansun (Mħ 13,2); Anna, omm Samwel (1 Sam 1,5). Marija tiżboq lil dawn kollha għax ma kinitx sterili imma verġni.

L-insara tal-bidu u taż-żmien li qegħdin nitkellmu fuqu kellhom diġà idea ċara tal-Iben, Ġesù, Messija, Salvatur, Iben David, Iben Alla. Il-familja tiegħu allura ma setgħetx ma tkunx denja tiegħu: il-"ġenituri" ma setgħux ma jkunux mir-razza rjali tas-slaten (Mt 1,20; Lq 1,27). L-Omm ta' Ġesù kellha wkoll mir-razza saċerdotali (Lq 1,5.36). Il-Messija, l-Iben ta' Alla, ma setax jitwieled bħall-bqija tal-bnedmin, imma bl-intervent dirett ta' Alla, qawwi u jista' kollox. Għalhekk Marija tistaqsi lill-anġlu Gabrijel: "Kif ikun dan ladarba ma nagħrafx raġel" (jew kif insibu f'traduzzjonijiet oħra: "Ladarba jiena verġni" … [issa li qed tgħidli li dak li se jitwieled minni se jkun Bin Alla u allura mhux frott l-imħabba ta' raġel u tiegħi]). Huwa dak li jafferma wkoll Mattew 1,18-20 u 1,25 li fihom huwa eskluż kull intervent ta' Ġużeppi fit-tnissil tal-Iben. Marija hija verġni, jikteb Luqa (1,27); "ma nagħrafx", jiġifieri ma nistax nagħraf, raġel biex jitwieled minna t-tnejn Iben Alla (Lq 1,34). L-Iben se jitwieled bil-qawwa ta' l-Aktar Għoli u tal-Ispirtu s-Santu li jqaddes (Lq 1,35). Luqa jkompli jibni l-istampa ta' Marija (fid-dawl ta' min *kellu jkun* Ġesù, imma propjament min *kien* Ġesù għall-insara tat-tieni ġenerazzjoni) billi jirreferi għat-tradizzjoni tat-Testment il-Qadim u intertestamentarja, profetika, saċerdotali u sapjenzjali (is-silenzju ta' Marija). "Ifraħ, mimlija bil-grazzja" (fis-sens passiv), jgħidilha l-anġlu: billi jitrasferixxi għal Marija l-istedina li l-Profeti Sofonija (3,14ff), Żakkarija (2,14-15; 9,9), Ġoel (2,21ff) kienu indirizzaw lil Bint Sijon, simbolu tal-komunità eskatoloġika. Hija hi l-omm tal-Iben ta' Alla, imma wkoll l-għamara ħajja tad-divinità nnifisha, ta' Alla nnifsu. Is-sħaba kollha dawl li kienet takkumpanja l-Poplu tal-Esodu (ara Num 9,18.22; 1,6.20; 19,9; 34,5), u li aktar tard kien se jimla s-santwarju (Es 40,34-35), issa tinżel fuqha ("il-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek") u tittrasformaha f'tempju ħaj (Lq 1,35). Hi titlaq minn Nazaret lejn l-għoljiet ta' Ġuda bħalma l-Arka telgħet minn dar Għobed-edom lejn Ġerusalemm (ara 2 Sam 6,1-23). Kant ta' ferħ kbir jakkumpanja t-tlugħ tal-Arka lejn Ġerusalemm, briju ta' hena jilqa' l-wasla tal-omm tal-Mulej fid-dar ta' Eliżabetta (ara 2 Sam 6,2-11).

It-twelid ta' Ġesù jseħħ f'post ċkejken, imwarrab u tal-ebda importanza, imma huwa mdawwal minn kewkba, jgħid Mattew (2,2); immarkat minn dehra li tgħammex ta' anġli, jikteb Luqa (2,9). Dwar dan it-tifel li jitwieled jingħadu ħwejjeġ meraviljużi fuq l-għoljiet u l-widien tal-Lhudija (ara Lq 2,20). Ma jingħadx iżjed li hu l-mastrudaxxa ta' Nazaret, imma l-Kristu tal-glorja, li kulħadd jeħtieġlu jagħraf u jammira

fil-qawwa tiegħu. L-Omm hija l-ewwel waħda li tgawdi minnn din il-glorja tat-tifel. Ix-xwejjaħ Xmun jfakkarha fil-prezz (ix-xabla) ta' dan il-kobor, imma li ma ddallamx u ma ċċajparx id-dawl li kien se jkun għall-popli kollha.

L-aħħar xena f'Luqa hija idillika – is-Sagra Familja, bil-qraba, f'pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm – u profetika: Ġesù, wara tlett ijiem mitluf (bħat-tlett ijiem fil-qabar) jidher imdawwar b'ammirazzjoni kbira fid-"Dar tal-Missier", anzi ta' Missieru!

L-istess idea tat-tfulija ta' Ġesù tkompli fi Ġwanni, l-iktar fl-Evanġelju, aktar milli fl-Apokalissi: issa qegħdin fl-aħħar tal-ewwel seklu w.K. Marija tidher bħala persuna imma iktar bħala simbolu tal-komunità eskatoloġika, li ssir donna *frame* tal-ministeru pubbliku ta' Ġesù. Hija hi li tiftaħ is-serje ta' "sinjali" li bihom Hu juri l-glorja tiegħu, u nistgħu ngħidu tagħlaqha wkoll. Ninnutaw, ngħidu aħna, li fir-rakkont tat-Tieġ ta' Kana, Marija tissemma, anzi hija mistiedna *qabel* Ġesù nnifsu u d-dixxipli tiegħu: "Mbagħad fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu" (2,1-1). Hija Omm is-Salvatur; allura hi qrib tiegħu b'titlu antik ħafna, "Mara", meħud mill-Ġenesi 3,15 (il-Mara li, ma' binha, tisħaq ras is-serp – traduzzjoni li daħlet ħafna iktar tard, għax propjament il-Lhudi tal-Ktieb tal-Ġenesi jgħid: "Hu jisħaqlek rasek") jew minn Ġenesi 4,1 (fejn Eva tesklama: "Għamilt bniedem mal-Mulej"). F'Kana kważi timbotta lill-Messija Binha biex jagħti bidu għall-manifestazzjoni tiegħu; fuq il-Kalvarju, hekk kif tasal "is-siegħa" (f'Kana kien weġibha li s-siegħa tiegħu għadha ma waslitx) tiegħu (u tagħha), jiġifieri tal-missjoni tagħhom, hija tidher "wieqfa ħdejn is-salib ta' Binha", biex miegħu taqsam fit-tbatija … u tkompli l-missjoni tagħha li twelled lil Binha fid-dinja, mhux iżjed bijoloġikament imma spiritwalment fid-dixxipli, rappreżentati fid-Dixxiplu li Ġesù kien iħobb.

Hija Eva l-Ġdida, l-omm tal-komunità li bdiet ħierġa għad-dawl u li fid-dixxiplu Ġwanni ssib il-prototip tagħha. Ġesù qiegħed imut fuq is-salib, qiegħed iġib għat-tmiem/twettiq/perfezzjoni l-missjoni tiegħu, imma Hi wieqfa ħdejh biex taqsam miegħu t-tbatija u tiġbor il-frott tal-missjoni tiegħu.

Il-Mara tal-Apokalissi titlef il-kontorni personali tal-mara, omm Ġesù, imma tieħu fuqha iżjed il-missjoni tagħha. Tissejjaħ dejjem Mara u Omm għax hija mħarsa fir-rwol tagħha li tagħti t-twelid lil Ġesù, dak bħala ġisem ta' bniedem, imma issa iktar bħala Ġisem mistiku. Il-passaġġ minn Iżraël tat-Testment il-Qadim għal Iżraël il-Ġdid iseħħ fi Kristu, imma jidher li hu mmarkat mill-Mara Omm, li għandha fuq rasha t-Tnax-il Kewkba, it-Tnax-il Tribù. Hija tbati l-uġigħ tal-ħlas, taħrab lejn id-deżert

bid-dragun warajha (il-prinċep ta' din id-dinja) u terġa' tidher rebbieħa wara l-prova terribbli. Kollox iseħħ minn qabel f'Marija; imma kollox jirrepeti ruħu fil-Knisja. B'din is-simbjożi bejn Marija u l-Knisja tagħlaq il-predikazzjoni Marjana tat-Testment il-Ġdid u tibda l-fażi post-testamentarja.

## Konklużjoni: il-kitbiet Apokrifi

Barra l-Evanġelji u l-kitbiet l-oħra aċċettati mill-Knisja bħala kanoniċi, bħala ispirati, kien hemm kitbiet oħra, anke xi wħud imsejħin evanġelji, li ma ġewx milqugħa fil-kanoni tat-Testment il-Ġdid. Jidher mill-fatt biss li nkitbu dawn il-kitbiet li "L-Evanġelji tat-Tfulija" (Mt 1-2; Lq 1-2) ma tqisux bħala biżżejjed għall-ġenerazzjonijiet tal-insara jew almenu għal xi gruppi Kristjani. Minħabba f'hekk inkitbu dawn il-kitbiet b'dettalji u referenzi li ma nsibuhomx fl-Evanġelji kanoniċi. Ewlenin fosthom: *Il-Protoevanġelju ta' Ġakbu* (3 seklu w.K.); *L-evanġelju tal-Psewdo-Mattew* u *Il-Ktieb tat-Twelid ta' Marija* (sekli 7-8). F'dan tal-aħħar anke t-tfulija ta' Marija hija rrakkuntata fid-dettall. Jissemmew l-ismijiet tal-ġenituri – Ġwakkin u Anna; il-konċepiment mirakuluż; l-irtirar fit-Tempju; l-affidament lil Ġużeppi (fejn anke jiġi mħassar iż-żwieġ), it-twelid tal-għaġeb ta' Marija. Hi kitba apoloġetika, miktuba biex tiddefendi l-verġinità perpetwa ta' Marija, l-appartenenza tagħha għad-Dar ta' David, il-maternità divina), aktar milli informattiva. L-awtur ifittex li juri l-misteru ta' Marija f'dawl misterjuż, flimkien ma' dak tal-Iben, billi jiżviluppa l-ftit referenzi kanoniċi fid-dawl ta' tradizzjonijiet kulturali Lhud, imma wkoll ta' fantasija u arti tal-awturi.

It-tieni seklu donnu jinjora għal kollox il-figura ta' Marija, għalkemm kellu għad-dispożizzjoni l-għejun ta' informazzjoni li ssemmew s'issa: l-Evanġelji kanoniċi, ir-rakkonti tat-tfulija, l-Apokrifi.

Kienet imbagħad il-Marjoloġija Patristika, ta' dawk li jissejħu Missirijiet il-Knisja li reġgħet qabdet il-figura ta' Marija, studjatha u pprietkatha u kitbet fuqha. Baqgħet sejra sal-Medjuevu, meta nkitbu l-isbaħ u l-itwal studji u trattati fuq Marija. Sal-lum il-figura ta' Marija baqgħet tingħata importanza speċjali, dejjem fid-dawl tal-missjoni u l-figura ta' Ġesù.

Barra t-testi Bibliċi klassiċi, bħal Ġenesi 3,15; Iżaija 7,14; Mikea 5,2, baqgħu jiżdiedu r-referenzi u l-prototip għal Marija fit-Testment il-Qadim: is-siġra taqbad bla ma tinħaraq (Es 3,2), il-ġnien magħluq tal-Għanja tal-Għanjiet, l-għajn issiġillata (Għanja 4,22), it-Tempju, l-Arka tal-Patt il-Ġdid, il-Kandelabru, il-personifikazzjonijiet tal-Għerf, il-figuri femminili bħal Ġuditta, Ester … kollha jidhru jħabbru l-persuna u jiddefinixxu l-missjoni ta' Marija.

Il-Liturġija taqbad imbagħad dawn ir-riferimenti u tespandihom fl-innijiet, antifoni, talbiet u *troparia* tagħha.

# L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

ċempel: 21242254








